# IL-KELMA TA' ALLA,
# IL-BIBBJA MQADDSA,
# U
# *T-TRADUZZJONI TAD-DINJA L-ĠDIDA TA' L-ISKRITTURA GRIEGA KRISTJANA*

Minn
George Ebejer

# TAX-XHIEDA TA’ ĠEĦOVA JBABSU FIL-KELMA TA’ ALLA, IL-BIBBJA MQADDSA

Dak li jiena rrid li nagħmel huwa, li nuri kemm il-verżjoni tal-Bibbja bil-Malti li ħarġu x-Xhieda ta’ Ġeħova, hija evanġelju ieħor (Galatin 1:6-9), billi nagħmel dak li huma stess jagħtu l-parir biex nagħmlu, jiġifieri, billi nqabblu it-*Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida ta’ L-Iskrittura Ġriega Kristjana mal-Grieg,* ma’ l-oriġinal li huma nfushom jużaw, jiġifieri, *The Kingdom* INTERLINEAR TRANSLATION *of the GREEK SCRIPTURES*.

L-intenzjoni tiegħi mhijiex biex nikkritika imma biex ngħallem il-verità u biex, kif tgħidilna l-Kelma ta’ Alla, “***ma nħallu lil ħadd iqarraq bina***” (Efesin 5:6).

Xi kultant, minħabba li jiena nipprova ngħallem il-verità lill-membri tax-Xhieda ta’ Ġeħova, huma jħarsu lejja bħala għadu tagħhom u xi wħud intqal lilhom li jiena nogħbod lix-Xhieda ta’ Ġeħova. Dan hu għalkollox mhux tassew. Dak li jiena nogħbod huwa t-tagħlim falz u li jmur kontra l-Kelma ta’ Alla, ikun ġej minn fejn ikun ġej u mingħand min ikun. Li kieku jiena tassew nobgħodhom kieku ma kontx se nagħmel dan ix-xogħol kollu biex nipprova ngħinhom ħalli tassew ikunu ħielsa (Ġwanni 8:32).

Fi Proverbji 6:16-19, il-Kelma ta’ Yaħweh tgħidilna li hemm sitt ħwejjeġ li Alla jogħbod u waħda minnhom hija: “*Xiehed qarrieq, li jgħid il-gideb.*”

L-appostlu Pawlu qal lill-Knisja ta’ Galazja:

> “16*Mela sirt għadu tagħkom għax qiegħed ngħidilkom il-verità?*” (Galatin 4:16).

Il-verità għandha tagħmel lin-nies ħbieb u mhux għedewwa.

Issa, il-verità hija murija fuq il-Grieg u t-tagħlim falz u żbaljat huwa muri fil-verżjoni Maltija, it-*Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida*. Huwa sempliċi ħafna biex wieħed ikun jista’ jqabbel u jara jekk huwa qiegħedx jiġi ingannat jew le! Aħna għandna nagħmlu kif għamlu l-appostli:

> “*Aħna għandna nisimgħu minn Alla aktar milli mill-bnedmin*” (Atti 5:29).

M’għandiex inkunu għomja għall-verità. Jekk aħna m’aħniex lesti li nobdu lil Alla aktar mill-bnedmin allura aħna nafu eżatt x’se jkun ir-riżultat. Il-Bibbja tgħidilna f’Efesin 5:6-7,

> “6*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f’dawn il-ħwejjeġ tiġi l-korla ta’ Alla fuq ulied id-diżubbidjenza.* 7*Mela tissieħbu qatt magħhom!*”

Mhix xi ħaġa sabiħa li jkollok il-korla ta’ Alla fuqek minħabba li tħalli lil min iqarraq bik u għaliex int tkun qed tobdi lill-bnedmin u mhux lil Alla!

Jiena sejjer nirreferi għat-*Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida* bħala TDĠ fl-analiżi tiegħi u għat-traduzzjoni New World Transaltion bħala NWT.

## Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida
## Ta' L-Iskrittura Griega Kristjana

Jintqal fid-**DAĦLA:** "…It-tradutturi ta' dan ix-xogħol, li jħobbu lill-Awtur Divin ta' l-Iskrittura Mqaddsa, iħossu li għandhom responsabbiltà speċjali Lejh li jgħaddu l-ħsibijiet u d-dikjarazzjonijiet tiegħu **eżatt kemm jista' jkun**. It-talba tagħna hi li din it-traduzzjoni tkun ta' valur kbir għal qarrejja sinċieri li jistinkaw biex "jaslu għall-għarfien **eżatt** dwar il-verità." —1 Timotju 2:4. (Enfasi tiegħi).

Ħalli aħna, bl-akbar sinċerità, nistinkaw ħalli tassew "***naslu għall-għarfien EŻATT dwar il-verità.***"

Naqraw **f'Galatin 1:6-9,**

> "[6]*Nistagħġeb li qed titwarrbu daqshekk malajr minn Dak li sejħilkom bil-qalb tajba mhix mistħoqqa ta' Kristu u dduru lejn xorta oħra t'aħbar tajba.* [7]*Imma din m'hijiex aħbar tajba oħra;* ***biss hemm xi wħud*** *li qed joħolqulkom l-inkwiet u* ***jridu jgħawġu l-aħbar tajba dwar il-Kristu****.* [8]*Madankollu, anki jekk aħna jew xi anġlu mis-sema kellu jxandrilkom bħala aħbar tajba* ***xi ħaġa differenti*** *minn dak li xandarnielkom bħala aħbar tajba,* ***ħa jkun misħut****.* [9]*Bħlama għedna hawn fuq, issa nerġa' ngħid ukoll,* ***Hu min hu*** *li qed ixandrilkom bħala aħbar tajba* ***xi ħaġa diffferenti*** *minn dak li aċċettajtu,* ***ħa jkun misħut****.*" (TDĠ. Enfasi tiegħi.)

Li xi ħadd jieħu l-awtorità f'idejh, u jaqbad u jbiddel xi kliem milli nsibu fl-Aħbar it-tajba ta' Kristu u jippreżenta aħbar "**differenti**", aħbar li mhix "**eżatta**" dwar il-verità, mhix xi ħaġa li wieħed għandu jeħodha fuq fuq, u r-raġuni hija, għaliex hemm **saħta** ppronunzjata fuqu.

Jiena naħseb lit-tradutturi ta' din il-verżjoni "**differenti**" ftit li xejn ħasbu dwar dan, imma huma ħasbu biss dwar kif huma sejrin iwasslu t-tagħlim żbaljat tagħhom lis-semmiegħa tagħhom billi *jagħmlu l-Kelma ta' Alla taqbel mat-tagħlim tagħhom u mhux it-tagħlim tagħhom jaqbel mal-Kelma ta' Alla.* U dwar dan sejrin naraw, u jiena nħalli f'idejn l-intelliġenza ta' min jaqra ħalli jiddeċiedi hu min qiegħed fl-iżball.

**<u>Galatin 3:15</u>**,

> "[15]*Ħuti, nitkellem b'tixbiha mill-ħajja tal-bniedem: Ħadd ma jista' jwarrab patt validu* ***jew iżid miegħu****, għalkemm dan ikun għamlu bniedem….*[17]*Iktar minn hekk, ngħid dan: Rigward il-patt li minn qabel kien magħmul validu minn Alla…*"

Jiena sejjer nikkowta versi minn din it-traduzzjoni fejn wieħed ikun jista'

jaqabbel ma xulxin u nikkowota wkoll il-Grieg **eżatt** kif inhu muri fit-test imsemmi fid-Daħla tat-*Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida*, jiġifieri, it-test *Grieg ta' Westcott u Hort* u nikkwota wkoll l-istess versi kif huma tradotti bl-Ingliż taħt il-Grieg fil-verżjoni "The Kingdom Interlinear Transaltion of the Greek Scriptures," u kif huma tradotti bil-Malti, jiġifieri, fit-*Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida* biex b'hekk min jaqra jkun jista' jqabbel għalih innifsu fejn hemm l-ingann, u jekk min jaqra, tassew ikun sinċier, dan ikun jista' jasal għall-għarfien eżatt dwar il-verità" (1 Timotju 2:4) u l-aktar importanti huwa li min jaqra jkollu l-kuraġġ li jabbanduna dak it-tagħlim falz u jaċċetta biss il-verità tal-Kelma ta' Alla li hi biss tista' teħlisu (Ġwanni 8:32).

Li jkun hemm kelma waħda żbaljata wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li dak kien żball. Li jkun hemm vers wieħed mibdul, ukoll forsi wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li dak kien żball ukoll. Imma lil jkun hemm aktar minn ĦAMSIN bidla (fit-Testment il-Ġdid biss), żgur li dawn il-bidliet ma kinux żbalji imma kienu intenzjonati!

Il-periklu l-kbir qiegħed li meta dik il-persuna taqra dan li ġej, hija tħalli lil xi ħadd ieħor jiggwidaha kif irid hu u mhux tiddeċiedi hi għaliha nfisha u b'hekk minflok ma hija tkun qed tobdi l-Kelma ta' Alla hija, forsi mingħajr ma tinduna, tkun qed tobdi l-kelma tal-bniedem, f'dan il-każ, xi mexxej minn tat-Torri ta' l-Għassa!

L-appostlu Pawlu jgħid:

> "*Qed nitkellem bħallikieku ma' nies li għand-hom id-dixxerniment; iġġudikaw intom stess dak li ngħid*" (1 Korintin 10: 15. (TDĠ).

U jiena wkoll nuża l-kliem ispirat ta' l-appostlu Pawlu:

> "*Qed nitkellem bħallikieku ma' nies li għandhom id-dixxerniment; iġġudikaw intom stess dak li ngħid.*"

Iġġudika int waħdek u taċċetta ebda interpretazzjoni ta' xi ħadd ieħor. Taħt għandek il-Grieg, l-Ingliż u l-Malti. M'għandek bżonn lil ħadd aktar biex jikkonkludi hu għalik. Il-konklużjoni għandha tkun tiegħek u tiegħek biss għaliex int biss għad trid tagħti kont lil Alla ta' l-għemil tiegħek!

**Hawn huma l-provi:**

1. **<u>Mattew 1:23</u>** – "*Ara! Il-verġni toħroġ tqila u tiled iben, u jsemmuh Emmanuwel,*" *isem li meta jiġi tradott ifisser "Magħna Hu* ***<u>A</u>****lla.*" (Enfasi tiegħi.)

   - Żomm dan f'moħħ: "Magħna Hu **<u>A</u>lla**."

   a. **<u>Ġwanni 20:28</u>** – "*Tumas wieġeb u qallu: "Mulej tiegħi u* ***<u>A</u>****lla tiegħi!*" (Enfasi tiegħi).

- Żomm dan f'moħħ: "… u **<u>A</u>lla** tiegħi."

b. **<u>Ġwanni 1:1, 18</u>** – "*Fil-bidu kien il-Kelma, u l-Kelma kien m'<u>**A**</u>lla, u l-Kelma kien <u>**a**</u>lla. … Ebda bniedem ma ra lil <u>**A**</u>lla f'xi żmien; kien l-<u>**a**</u>lla uniġenitu li qiegħed fi ħdan il-Missieri li spjegah.*" (Enfasi tiegħi.)

**<u>Mistoqsija:</u>**

a. Għaliex it-tradutturi tat-*Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida* f'Mattew 1: 23 u fi Ġwanni 20:28, poġġew "<u>**A**</u>lla" b'"A" kapitali fejn fit-tnejn dawn jirreferu għal Kristu u fi Ġwanni 1:1 u 18 poġġew "<u>**a**</u>lla", b'"**a**" mhix kapitali bħal l-oħrajn? Mhuwiex dan qerq? Skond din il-verżjoni hemm tliet allat?

1. <u>**A**</u>lla li miegħu kienet il-Kelma, u dan hu Alla li Jista' Kollox.
2. <u>**A**</u>lla li hu l-"Emmanuwel" (Ġesù Kristu), u <u>**A**</u>lla li Tumas iħares lejn bħala li huwa "l-Mulej tiegħu u l-<u>**A**</u>lla tiegħu" u dan hu Ġesù Kristu wkoll (versi 26-29).
3. U hemm ukoll "<u>**a**</u>lla" li kien il-Kelma u li kien "l-<u>**a**</u>lla uniġenitu…" u dan, skond tax-Xhieda ta' Ġeħova, huwa wkoll Ġesù Kristu!
4. Imma aħna naqraw f'Efesin 4:6 li hemm BISS "**Alla wieħed** …"
5. Ifisser dan lil xi ħadd minn dawk imsemmija fuq huwa xi "alla falz"?
6. <u>**Isaija 44:8**</u> – "*…Hemm Alla ieħor għajri? Iva, **m'hemmx Alla ieħor; ma nafx oħra.***" (Enfasi tiegħi.)
7. **<u>Mela, jekk ma hemmx Alla ieħor għajri, jew Kristu hu alla falz, li mhuwiex, jew inkella hu Alla li Jista' Kollox, li hu!</u>** Ma jista' jkun hemm l-ebda konklużjoni oħra. Kull alla ieħor barra minn dak l-Alla wieħed hu "alla falz!"

b. **<u>Ġwanni 10:33</u>** – "*Wiġbuh il-Lhud: "Ma rridux inħaġġruk għal xi għemil tajjeb, imma għad-dagħa, u għax int, għalkemm bniedem, tagħmel lilek innifsek <u>**a**</u>lla.*"

**Mistoqsija:** Taħseb int li kienet tagħmel xi differenza għal-Lhud li kieku Ġesù għamel lilu nnifsu "<u>**a**</u>lla" u mhux "<u>**A**</u>lla"?

**Mistoqsija**: Nistgħu aħna nafdaw din il-verżjoni tal-Bibbja, jiġifieri, t-*Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida*? Żgur li le! Imma kompli aqra li ġej u għandek tkun aktar u aktar ċert dwar kemm din it-traduzzjoni hija "evanġelju ieħor"!

Ħalli nkomplu naraw dwar Ġwanni 1:1:

- l-Grieg jaqra,

  εν αρχη ην ο λογος και ο λογος ην προς τον θεον και θεος ην ο λογος

- In-NWT taqra,

  *"In [the] beginning the Word was, and the Word was with God, and the Word was a god."*

- It-TDĠ taqra,

  *"Fil-bidu kien il-Kelma, u l-Kelma kien m'Alla, u l-Kelma kien alla."*

F'vers wieħed biss, it-tradutturi tax-Xhieda ta' Ġeħova juru l-inkonsistenza tagħhom. Il-kelma Griega *theos* hija wżata darbtejn f'dan il-vers. Fl-ewwel traduzzjoni din hija mfissra bħala "Alla," imma fit-tieni użu hija mfissra bħala "alla." Ma hemm ebda artiklu fit-tieni użu ta' *theos* biex jiġġustifika l-bidla fit-traduzzjoni. Madankollu, id-dottrina tax-Xhieda ta' Ġeħova ma tagħrafx lil Ġesù bħala Alla, għalhekk huma biddlu l-vers biex ikun jaqbel mad-dottrina tagħhom u mhux mat-test oriġinali.

Dan huwa f'kontradizzjoni diretta għat-test Grieg, li bl-istess mod jaqra (ittrasletterat), "*En archee een ho Logos, kai ho Logos een pros ton Theon, kai Theos een ho Logos*," jew "Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u Alla kienet il-Kelma." Is-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa biċ-ċar żiedet l-artiklu "a" (fl-Ingliż) biex jagħmel Ġwanni 1:1 jappoġġja t-twemmin tagħhom li Ġesù Kristu mhuwiex tassew Alla.

Mela dak li jintqal fid-DAĦLA huwa kollu qerq! Huma jafu wkoll li fl-oriġinal ma kienx hemm ittri kapitali u wieħed ma kienx ikun jista' jikkonkludi permezz tagħhom imma billi ma jkunx hemm l-artiklu dan jasal għall-konklużjoni t-tajba!

2. **Matthew 5:19**:
   - Il-Grieg jgħid:

     ος εαν ουν λυση μιαν των εντολων τουτων των ελαχιστων και διδαξη ουτως τους ανθρωπους **ελαχιστος κληθησεται εν τη βασιλεια των ουρανων** ος δ αν ποιηση και διδαξη **ουτος μεγας κληθησεται εν τη βασιλεια των ουρανων** (enfasi tiegħi).

     *"...least one will be called* ***in the*** *kingdom of the heavens;...this great will be called* ***in the*** *kingdom of the heavens."*

   - It-TDĠ tgħid - "*Għalhekk, kulmin jikser wieħed min dawn l-iżgħar*

*kmandamenti u lill-bnedmin jgħallimhom hekk, se jissejjaħ 'l-iżgħar'* ***fejn għandha x'taqsam*** *is-saltna tas-smewwiet. …se jissejjaħ 'kbir'* ***fejn għandha x'taqsam*** *is-saltna tas-smewwiet.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija**:

a. Min ta l-awtorità lit-tradutturi tat-TDĠ biex jittraduċu "***in** the kingdom*", "***fejn għandha x'taqsam** is-saltna.*" Possibbli ma kienx hemm min jaf il-Malti tajjeb biex igħid lil min għamel dik it-traduzzjoni li "**IN**," fil-Malti hija "**FI**" u mhux "**fejn għandha x'taqsam**"?
b. Fl-Ingliż (u fil-Grieg) m'għandniex "WERE the kingdom is concerned" imma sempliċiment, "**IN** the kingdom."
c. Mhuwiex dan "Evanġelju ieħor"?
d. Imma aħna nafu għaliex din il-bidla. Din il-bidla saret għaliex huma ma jemmnux lis-saltna *diġà qiegħdha hawn, issa*, imma jgħallmu li għad trid tiġi fil-futur.
e. U meta xi ħadd ibabas xi vers dan ikollu jbabas xi vers ieħor biex jagħmlu jaqbel, inkella jkun hemm kontradizzjoni u dwar dan naraw fejn sar ħafna tbabis fi Skritturi oħra. Eżempji huma dawn li ġejjin:

   i. **Lhud 12:28** – Il-Grieg igħid:
   διο βασιλειαν ασαλευτον **παραλαμβανοντες** εχωμεν χα ριν δι ης λατρευωμεν ευαρεστως τω θεω μετα ευλαβειας και δεους (enfasi tiegħi).
   "*Through which kingdom unshakbable **receiving beside** may we be having…*"
   "*[28]Għalhekk la darba aħna **rċevejna** (paralambanô) saltna li ma tistax tkun imheżhża, …*" (enfasi dejjem tiegħi). Aħna "**rċevejna**" saltna.

   ii. Imma fil-verżjoni l-ġdida TDĠ, dan il-vers ġie mbabas ukoll fejn naqraw hekk: "*Għalhekk, ladarba **se nirċievu** saltna li ma tistax tithezżeż…*" (enfsasi tiegħi). "***SE nirċievu***" u mhux "*irċevejna.*" Qiegħed tara fejn hu l-qerq!

   iii. U biex ikomplu jinżlu aktar fil-fond tal-qerq, **Galatin 1:9, 12** ukoll kellu jiġi mbabas fejn hawn inisbu l-istess kelma Griega, **rċevejna** (*paralambanô*) u ġiet mibdula wkoll.

   - Naqraw hekk fil-Grieg:
   [9]ως προειρηκαμεν και αρτι παλιν λεγω ει τις υμας ευα γγελιζεται παρ ο **παρελαβετε** αναθεμα εστω ... [12]ουδε

γαρ εγω παρα ανθρωπου **παρελαβον** αυτο ουτε εδιδαχ θην αλλα δι αποκαλυψεως ιησου χριστου

"*[9]…which you **received** alongside, anathema…[12]neither for I beside of man I **received** alongside it….*"

"*[9]Bħalma ġa għednielkom, u ntenni ngħidilkom issa: jekk xi ħadd iħabbrilkom evanġelju ieħor għajr dak li ġa **rċevejtu**, ikun misħut!... [12]Għaliex jiena mhux mingħand bniedem **irċevejtu** jew tgħallimtu, imma kien irrivelat lili minn Ġesù Kristu.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

iv. Imma ara fejn isir il-qerq u t-tbabis: Naqraw dawn il-versi fit-TDĠ: "*[9]Bħalma għedna hawn fuq, issa nerġa' ngħid ukoll, Hu min hu li qed ixandrilkom bħala aħbar tajba xi ħaġa differenti minn dak li **aċċettajtu**,* (εδεξατο) (mhux **irċevejtu** [*paralambanô]*), *ħa jkun misħut… [12]għax la **rċivejtha*** (għaliex hawn ma nbidlitx?) *u lanqas tgħallimtha mingħand xi bniedem, imma **rċivejtha** u tgħallimtha permezz ta' rivelazzjoni minn Ġesù Kristu.*" (Enfasi tiegħi.)

v. Għaliex f'vers 9 naqraw "**aċċettajtu**" u mhux kif fl-oriġinal, jiġifieri, "**irċevejtu**" waqt li **f'vers 12** it-tradutturi tat-TDĠ ħallew "**irċivejtha**." Possibbli ma ndunawx biha din!

vi. Ara wkoll **1 Korintin 11:23** u **15:3** fejn insibu l-istess kelma "irċivejt" imma hawn ma nbidel xejn! Għaliex? It-tweġiba hija sempliċi, għaliex f'dawn il-versi ma kienx hemm il-ħtieġa ta' bdil! Imma ma rridux ninsew, *lit-tbasis qiegħed isir mal-Kelma ta' Alla u mhux mal-kelma tal-bniedem*!

f. Ukoll għalkemm **f'Kolossin 1:13** fil-verżjoni tagħhom jintqal, b'mod l-aktar ċar li aħna **qegħdin fis-saltna issa**.

- Naqraw, "*Hu ħelisna mill-awtorità tad-dlam **u <u>daħħalna</u> <u>fis-saltna</u>** ta' l-Iben ta' mħabbtu*" (enfasi tiegħi). "**DAĦĦALNA**" u mhux *se jdaħħalna*"!

g. U **<u>f'Rivelazzjoni 1:9</u>** – "*Jien Ġwanni, ħukom, li qed nieħu sehem magħkom fit-tribulazzjoni u **fis-saltna** u fis-sabar ta' Ġesù,…*" (enfasi tiegħi). Ġwanni **kien fis-saltna** waqt li hu kiteb dak il-kliem!

h. Jekk "daħħalna" allura aħna ninsabu fis-saltna! Kien Ġwanni jew ma kienx "FIS-SALTNA" meta kien fuq il-gżira ta' Patmos?

3. **<u>Matthew 12:32,</u>**

- Il-Grieg jaqra:

και ος εαν ειπη λογον κατα του υιου του ανθρωπου αφεθησ εται αυτω ος δ αν ειπη κατα του πνευματος του αγιου ουκ α φεθησεται αυτω ουτε εν τουτω **τω αιωνι** ουτε εν τω μελλοντι
"*...neither in this the **age** nor in the (one) being about (to come).*"

- It-TDĠ jaqra: "*..le, la f'din **is-sistema** u lanqas f'dik li ġejja.*" (Enfasi tiegħi.)

**Galatin 1:4,**

- Il-Grieg jaqra:
του δοντος εαυτον υπερ των αμαρτιων ημων οπως εξεληται ημας εκ **του αιωνος** του ενεστωτος πονηρου κατα το θελημ α του θεου και πατρος ημων
"*...so that he might take out us out of the **age** ....*"
- It-TDĠ jaqra: "*....biex jeħlisna minn din **is-sistema** mill-agħar...*" (Enfasi dejjem tiegħi).

**Mistoqsija**: Taf int li l-kelma "**sistema**" ***ma tinstab imkien fil-Bibbja kollha***? Imma għat-tradutturi li "jħossu li għandhom responsabbiltà speċjali lejn l-Awtur Divin" billi huma jbiddlulu l-kliem li għażel Hu u minfloku jpoġġu kliem li lanqas jeżisti fil-Kelma Tiegħu, dak li jridu huma, dan ma jimpurtax. X'responsabbiltà hija din!

- U mhux hawn biss saret din il-bidla, imma saret ukoll f'dawn l-Iskritturi kollha: Salmi 17:14; 49:1; Mattew 13:39; 24:3; 28:20; Mark 10:30; Luqa 18:30; 2 Korintin 4:4; 1 Timotju 6:17 and Lhud 1:2; eċċ.
- Wieħed ma jridx jinsa, illi aħna lkoll **lil dak l-Awtur** għad irridu nagħtu kont u mhux lil tat-Torri ta' l-Għassa!!

4. **Mattew 25:46,**

- Il-Grieg jaqra:
και απελευσονται ουτοι εις **κολασιν** αιωνιον οι δε δικαιοι εις ζω ην αιωνιον
- It-TDĠ taqra: "[46]*U dawn imorru fil-**qtugħ ta' dejjem**, imma n-nies sewwa fil-ħajja ta' dejjem.*"

**Mistoqsija:** Għaliex minflok il-kelma Griega *kolassis* tradotta "kastig" u li tindika turment kontinwu, it-tradutturi tat-Torri ta' l-Għassa poġġew "qtugħ ta' dejjem" għaliex huma jgħallmu d-dottrina żbaljata ta' qerda totali dwar l-erwieħ ikkundannati.

- Il-kelma griega għal "cut off" (*ekkoptõ*) tinsab f'Mattew 5:30 fejn naqraw fil-Grieg:
  και ει η δεξια σου χειρ σκανδαλιζει σε **εκκοψον** αυτην και βαλε...
- In-NWT taqra: "*Also, if your right hand is making you stumble,* ***cut it off*** *and throw it away …*"
- It-TDĠ taqra: "*Ukoll, jekk idek il-leminija qed tfixklek,* ***aqtagħa*** *u armiha …*"
- Imma din hija kelma differenti għalkollox minn dik li nsibu f'Mattew 25:46, ***kolassis***.
- Għaliex it-tradutturi tax-Xhieda ta' Ġeħova f'Mattew 25:46 biddlu l-kelma fit-traduzzjonijiet tagħhom biex iqarrqu bil-qarrejja tagħhom? Wieħed irid ikun tassew agħma biex ma jarax dan! Imma tajjeb li jaqra Efesin 5:6!

5. **Mattew 26:26, 28,**
   - Il-Grieg jara:
     [26]εσθιοντων δε αυτων λαβων ο ιησους αρτον και ευλογησας εκλασεν και δους τοις μαθηταις ειπεν λαβετε φαγετε τουτο **εστιν** το σωμα μο υ...[28]τουτο γαρ **εστιν** το αιμα μου της διαθηκης το περι πολλων εκχυν νομενον εις αφεσιν αμαρτιων
   - In-NWT taqra: "[26]*… "TAKE, eat. This* ***means*** *my body." …*[28]*for this* ***means*** *my 'blood of the covenant,' …*"
   - It-TDĠ taqra: "[26]*…"Ħudu, kulu. Dan il-ħobż* ***jirrappreżenta ġismi****."* [28]*għax dan* ***jirrappreżenta*** *d-demm tiegħi tal-patt,' …*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija:** Għal darb'oħra, jistgħu t-tradutturi tax-Xhieda ta' Ġeħova, Maltin u Ingliżi, jgħidulna minn fejn ġabu l-awtorità biex ibiddlu kif iridu huma l-kliem "**this is**", għal "**means**", u "dan hu" għal "**jirrappreżenta**"?

Ma kinux jafu t-tradutturi Maltin li "means" fin-New World Translation" li minnha huma ttraduċew għall-Malti hija "*jfisser*" u mhux "*jirrappreżenta*"? Liema waħda wieħed ssejjer jaċċetta, "*means*" ("ifisser") jew "*jirrappreżenta*" jew it-tnejn qisu ma ġara xejn!! Hija ħasra li l-figura sabiħa rettorika li l-Mulej uża hawn billi Ġesù uża l-metafora, ġiet imħassra għalkollox mit-tradutturi tat-Torri ta' l-Għassa.

Dan il-bdil sar ukoll f'Mark 14:22, 24; Luqa 22:19, 20 u fl-1 Korintin 11:24, 25. Imma hija tassew ħaġa tal-biża' li xi ħadd ibabas il-Kliem tal-Mulej b'dan il-mod!

6. **<u>Mark 1:4</u>,**

- Il-Grieg jaqra:

  ... κηρυσσων βαπτισμα μετανοιας εις **αφεσιν** αμαρτιων
  "*...preaching baptism of repentance into letting go off of sins.*"

  "came to be John the (one) baptizing in the wilderness preaching **baptism of repentance** into letting go off of sins."

- In-NWT taqra:

  "*John the baptizer turned up in the wilderness, preaching batpism [in symbol] of repentance for forgiveness of sins.*"

- It-TDĠ taqra: "*...jippriedka l-magħmudija* ***b'simbolu*** *ta' l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

- F'dan il-vers, it-tradutturi Maltin għal darb'oħra wrew il-kuraġġ tagħhom kontra l-Kelma ispirata ta' Alla.
- Huma ħadu l-awtorità f'idejhom u ŻIEDU l-kelma "**simbolu**" fejn li kieku huma tassew għamlu dak li qalu fid-DAĦLA, jiġifieri, u nikkwota, "Din il-verżjoni bil-Malti hi bbażata fuq l-edizzjoni bl-Ingliż, u tipprova żżomm din l-istess fedeltà." Li kieku tassew żammew "l-istess fedeltà" kieku l-kelma "**simbolu**" kienu jpoġġuha fil-parentesi, [simbolu], kif tinsab fl-Ingliż (NWT) li huma qalu li riedu jżommu l-fedeltà miegħu wkoll!
- Meta kelma tkun fil-parentesi dak ikun ifisser li dik il-kelma ma tkunx fl-oriġinal. Imma t-tradutturi Maltin qabdu u neħħew il-parentisi [ ] u min jaqra jkun jista' jiġi ngannat aktar b'mod sempliċi għaliex huwa jaħseb li dik il-kelma hija parti mill-oriġinal!
- Lest int li tkompli tafda fihom dawn in-nies? Tinsiex, li mal-Kelma ispirata ta' Alla qegħdin ibabsu! U dan qiegħed isir bl-intenzjoni! (Ara 2 Pietru 3:16. Mhux dan qed jagħmlu tat-Torri ta' l-Għassa?)
- Jekk int lest li tkompli tħallihom iqarrqu bik, tajjeb li taqra Efesin 5:6 u tara x'hemm lest għal min iħalli lil min iqarraq bih!

7. **<u>Luqa 23:43</u>,**

- Il-Grieg jaqra:

  και ειπεν αυτω αμην σοι λεγω σημερον μετ εμου εση εν τω π αραδεισω
  "*And he said to him Amen to you I am saying, today with me you will be in the Paradise.*"

- It-TDĠ taqra: "*U hu qallu: "Tassew ngħidlek illum, Int tkun fil-Ġenna miegħi.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija**: Għaliex it-tradutturi Maltin **ma kellhomx** il-kuraġġ li jirranġaw l-iżball *intenzjonat* tat-tradutturi Ingliżi? Tinsiex li aħna qegħdin nitkellmu dwar il-Kelma ta' Alla u mhux tal-bniedem!

- Għaliex huma poġġew il-virgola (fil-punteġġjatura (,)) wara "il-lum," u MHUX fejn tinsab fil-Grieg famuż ta' Westcott u Hort, li skond huma, fid-DAĦLA, jaqbel ma' l-iktar manuskritti Griegi antiki, jiġifieri, wara "**ngħidlek**"?
- Ma jurix dan li dan sar biex jiddiżgwidaw lis-segwaċi tagħhom billi huma ma jemmnux li r-ruħ tibqa' teżisti wkoll wara l-mewt tal-ġisem fiżiku u li dan il-kliem ta' Ġesù juri li dak ir-raġel kien se jkun miegħu **f'dak il-jum stess**?
- Kif wieħed jista' jafda u jaċċetta qerq bħal dan!

Erġa' ara xi jgħidu dawn il-verżjoni kollha tal-Bibbja li ġejjin u ddeċiedi int: (Innota sewwa fejn tinsab il-punteġġjatura (,))

**Luke 23:43**:

**NASB:** "And He said to him, "Truly I say to you, today you shall be with Me in Paradise." (NASB ©1995)

**GWT:** "Jesus said to him, "I can guarantee this truth: Today you will be with me in paradise." (GOD'S WORD®)

**KJV:** "And Jesus said unto him, Verily I say unto thee, To day shalt thou be with me in paradise."

**ASV:** "And he said unto him, Verily I say unto thee, To-day shalt thou be with me in Paradise."

**BBE:** "And he said to him, Truly I say to you, Today you will be with me in Paradise."

**DBY:** "And Jesus said to him, Verily I say to thee, To-day shalt thou be with me in paradise."

**WEY:** "I tell you in solemn truth," replied Jesus, "that this very day you shall be with me in Paradise."

**WBS:** And Jesus said to him, Verily I say to thee, This day shalt thou be with me in paradise.

**WEB:** Jesus said to him, "Assuredly I tell you, today you will be with me in Paradise."

**YLT:** "and Jesus said to him, 'Verily I say to thee, To-day with me thou shalt be in the paradise.'"

Ukoll, biex juru kemm iridu jqarrqu bil-qarrejja tagħhom, it-tradutturi tan-NWT, fil-kumment fuq isfel, igħidu hekk, u nikkowota:

**43**[a] "Today." Westcott and Hort text puts a comma in Greek text before the word for "today." In the original Greek no comma is found. Hence we omit comma before "today"."

Huwa tassew li fil-Grieg oriġinali ma hemmx punteġġaturi, imma la jafu li ma hemmx għaliex il-virgola poġġewha wara "today" illum" u mhux kif qalu li ħallewha barra? Mhux tassew li ħallewha barra għaiex huma ressquha lura u poġġewha wara l-kelma "illum." X'qerq! Mela fejn jaqbel lilhom Westcott and Hort huwa test "famuż" u fejn ma jqablilhomx mhuwiex!

8. **<u>John 1:4,</u>**

- Il-Grieg jaqra:
  εν αυτω ζωη ην ...
  "*in him life was...*"
- It-TDĠ jaqra: "***permezz tiegħu** kienet il-ħajja...*" (enfasi tiegħi)

**Mistoqsija**: Għaliex id-differenza? Għal darb'oħra, ma jafux it-tradutturi Maltin li "**in him**" fil-Malti hija "**fih**" u mhux "**permezz tiegħu**" li fl-Ingliż hija "**through him**"?

- Huma jafu, imma, huma żgur li ma kinux fil-libertà biex jiktbu dak li hemm fil-Grieg, imma biex ibiddluh u jagħmluh jaqbel mat-tagħlim falz tat-Torri ta' l-Għassa.

**Ħalli nagħti prova ta' dan il-qerq permezz tat-traduzzjoni tagħhom stess:**

**<u>Ġwanni 1:17,</u>**

- Il-Grieg jaqra:
  οτι ο νομος δια μωυσεως εδοθη η χαρις και η αληθεια δια ι ησου χριστου εγενετο
  "*because the law **through** Moses was given, the undeserved kindness and the truth **through** Jesus Christ came to be.*"
- Fit-TDĠ naqraw: "*Għax il-Liġi ngħatat **permezz** ta' Mosè; il-qalb tajba mhix misthoqqa u l-verità seħħew **permezz** ta' Ġesù Kristu.*"

**Mistoqsija:**

Għaliex hawn il-kelma "permezz" (δια) ma nbidlitx? Il-Grieg, l-Ingliż u l-Malti jaqblu!

- Ir-raġuni hija għaliex fl-1 Ġwanni 1:5 naqraw li "*Alla hu dawl*" u hawn, jiġifieri, fi Ġwanni 1:4-5 naqraw *li Ġesù hu dawl*, għalhekk "**FIH**" u mhux "permezz tiegħu." Ġesù **hu dawl** (Ġwanni 8:12) u dan huwa prova li Ġesù Kristu hu tassew Alla li Jista' Kollox.

9. <u>**Ġwanni 1:12,**</u>

- Il-Grieg jaqra:

  ... εδωκεν αυτοις εξουσιαν τεκνα θεου γενεσθαι τοις **πιστευ ουσιν** εις το ονομα αυτου

  "*...he gave to them authority children of God to become, to the* ***believing*** *into the name of him.*" (Enfasi tiegħi.)

- It-TDĠ taqra: "*…tahom l-awtorità li jsiru wlied Alla, għax kienu* ***qed jeżerċitaw il-fidi*** *f'ismu;*"
- L-iskop tal-bidla huwa lid-dottrina tax-Xhieda ta' Ġeħova hija li wieħed għandu juri ubbidjenza lejn l-organizzazzjoni tagħhom.
- Huma jemmnu f'salvazzjoni bl-opri li tordna l-organizzazzjoni (eżempju, wieħed għandu jagħmel ċertu numru ta' siegħat idur iħabbat il-bibien biex isalva. Huwa sewwa u fid-dmir li aħna nxandru l-Aħbar it-Tajba, imma mhux li rrid nagħmel ċertu ħin għaliex ordnat minn xi organizzazzjoni!) u mhux b'ubbidjenza lejn il-Mulej tagħna Ġesù Kristu (Ġwanni 14:15, 21-24; Lhud 5:9).
- Dan il-bdil insibuh ukoll fi Ġwanni 3:16, 18; 6:29; Rumani 4:3; 10:4, 9, 10.
- Ukoll f'Efesin 1:13; Kolossin 1:14, 16; 2:10, 12; fejn it-traduzzjoni TDĠ tuża "permezz tiegħu" u "imseħbin miegħu."
- Mela, l-aktar li wieħed għandu jinnota hawn huwa l-interpretazzjoni tal-kelma Griega għal "jemmnu" (**pisteuo**) bħala "jeżerċitaw il-fidi" minflok "jemmnu." Ir-raġuni li tat-Torri ta' l-Għassa għamlu din il-bidla hija minħabba illi li "jeżerċitaw il-fidi" jimplika aktar milli li temmen; dan jimplika li tagħmel opri fuq il-bażi tat-twemmin ta' dak li jkun. It-TDĠ dejjem tinterpreta **pisteuo** bħala "jeżerċitaw il-fidi" meta din tikkonċerna l-maħfra ħielsa u l-ġustifikazz-joni ta' dawk li jemmnu fi Kristu.

<u>**Ġwanni 3:16-18,**</u>

- Il-Grieg jaqra:

  16 ουτως γαρ ηγαπησεν ο θεος τον κοσμον ωστε τον υιον τον μονογενη εδωκεν ινα πας ο **πιστευων** εις αυτον μη αποληται αλλ εχη ζωην αιωνιον 17 ου γαρ απεστειλεν ο θεος τον υιον εις τον κοσμον ινα κρινη τον κοσμον αλλ ινα σωθη ο κοσμο

ς δι αυτου [18]ο **πιστευων** εις αυτον ου κρινεται ο μη **πιστευω**
**ν** ηδη κεκριται οτι μη πεπιστευκεν εις το ονομα του μονογεν
ους υιου του θεου

"[16]Thus for loved the God the world as and the Son the only-begotten he gave, in order that everyone the **believing** into him not might be destroyed but many have life everlasting. [17]Not for sent froth the God the Son into the world in order that ghe should judge the world, but in order that should be saved the world through him. [18]The (one) **believing** into him not is being judged. The (one) not **believing** already has been judged, because not he has *believed* into the name of the only-begotten Son of the God."

- It-TDĠ taqra,

  "*[16]Għax Alla tant ħabb lid-dinja li ta l-Iben uniġenitu tiegħ biex kullmin* ***jeżerċità l-fidi*** *figħ ma jinqeridx imma jkollu l-ħajja ta' dejjem. [17]Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jiġġudika d-dinja, imma biex id-dinja tiġi salvata permezz tiegħu. [18]Min* ***jeżerċità l-fidi*** *fih ma jiġix ġudikat. Min ma* ***jeżerċitax il-fidi*** *diġà ġie ġudikat, għax ma* ***eżerċitax il-fidi*** *fl-isem l-Iben uniġenitu t'Alla.*"

  Hawn, tajjeb li wieħed jiftkar f'dak li ntqal fid-DAĦLA, jiġifieri, "…It-*Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida* tittraduċi t-test Grieg fedelment kemm jista' jkun…." Dan mhux tassew għaliex it-traduzzjoni hija traduzzjoni tal-verżjoni New World Transaltion bl-Ingliż u mhux tal-Grieg kif jidher ċar ħafna mill-versi li għadna kif rajna.

  Fil-Grieg għandna "jemmnu" (**πιστευων**) u mhux "jeżerċitaw il-fidi." Imma biex wieħed jara kemm din it-traduzzjoni hija żbaljata u mhux tassew skond il-Grieg, dan għandu biss jinnota vers 15 ta' Ġwanni 3, fejn il-kelma "jemmen" ma ġietx mibdula.

- Il-Grieg jaqra,

  [15]ινα πας ο **πιστευων** εν αυτω εχη ζωην αιωνιον

  "in order that everyone the **believing** in him may have life everlasting."

- It-TDĠ taqra,

  "*Biex kulmin* ***jemmen*** *fih ikollu l-ħajja ta' dejjem.*"

  Għaliex hawn mhux "*kulmin* ***jeżerċita l-fidi***"? Mhux l-istess kelma Griega għandna hawn? Lest int li tħalli lil min iqarraq bik b'dan il-mod? X'konsistenza!

10. <u>**Ġwanni 1:23,**</u>

- Il-Grieg jaqra:

  εφη εγω φωνη βοωντος εν τη ερημω ευθυνατε την οδον **κυρι ου** καθως ειπεν ησαιας ο προφητης

  "*... Make you straight the way of **Lord**, according as said Iaiah the prophet.*"

- It-TDĠ taqra: "'*Iddrittaw il-mogħdija ta' **Ġeħova**,' bħalma qal il-profeta Isaija.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija:** Jekk fl-oriġinal, fil-"Grieg famuż ta' Westcott u Hort," hemm "**Mulej**," min ta' l-awtorità lit-tradutturi Maltin biex ibiddlu l-kelma "Mulej" u minflokha jpoġġu isem, li fil-Bibbja kollha ma jinstabx, jiġifieri, "Ġeħova"? (għal prova ta' dan ara l-"Foreword" ta' *The Kingdom Interlinear Translation of the Greek Scriptures*, paġna 23, fejn huma stess jammettu li dan l-isem beda jintuża fis-seklu 14 u li dan kien minħabba *l-familjarità tiegħu man-nies.* Ara wkoll minn paġna 57 ta' dan l-istudju għal aktar dettalji)!! Hawn il-Grieg ta' Westcott u Hort issa m'għadux famuż?

**U dan il-bdil sar mhux hawn biss imma wkoll f'ħafna Skritturi oħra bħal: Mattew 4:10; Mark 1:3; 12:29; Luqa 1:68, 32; 4:8; Ġwanni 12:13; Atti 2:20-21; 4:26, 29; 5:9, 19; 7:33, 49; 13:2, 11; 20:32; 1 Korintin 10:21; Lhud 10:16; 2 Pietru 3:8, 10, 12; Rivelazzjoni 12:29; u oħrajn.**

11. <u>**Ġwanni 8:58**</u>

- Il-Grieg jaqra:

  ειπεν αυτοις ιησους αμην αμην λεγω υμιν πριν αβρααμ γενε σθαι **εγω ειμι**

  "*...Said to them Jesus Amen amen I am saying to you Before Abraham to become **I am**.*"

- It-TDĠ taqra: "Qalilhom Ġesù: "*Tassew, tassew, ngħidilkom, Qabel **m'eżista** Abraham, **kont neżisti**.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija:**

Possibbli lit-tradutturi Maltin li għamlu din il-verżjoni tal-Bibbja, jiġifieri, t-*Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida*, ma jafux li "**I am**" fil-Malti hija "**Jien hu**"? Fejn hemm fil-Grieg, ukoll dak li jużaw huma, il-kliem "**m'eżista**" u "**neżisti**"? Fejn hija l-verità li ntqal fid-DAĦLA, jiġifieri, "lit-tradutturi ta' dan ix-xogħol, li jħobbu lill-Awtur Divin ta'

l-Iskrittura Mqaddsa, iħossu li għandhom responsabbiltà speċjali Lejh li jgħaddu l-ħsibijiet u d-dikjarazzjonijiet tiegħu **eżatt kemm jista' jkun**? X'eżattezza, u x'responsabbiltà hija din li tbiddel fejn ma jabilx mat-tagħlim tiegħek?

Għaliex ix-Xhida ta' Ġeħova marru kontra r-regola tagħhom stess u pparafrażaw il-kliem Grieg *ego eimi* (JIEN HU) għal "kont neżisti"? Wara kollox, in-NWT u t-TDĠ jittraduċu *ego eimi* eżatt f'Jien hu (I am) f'versi 18, 23, 24, u 28. Ħalli nikkowta dawn il-versi eżatt biex ħadd ma jaħseb li qiegħed nipprova nqarraq:

- In-NWT taqra,
  "[18]***I am*** *one that bears winess about myself…*" (Il-kelma 'one' hija miżjuda)… [23]***I am*** *from the realms above…**I am*** *not from this world…*[24]*For if you do not believe that **I am** he, you will die in your sins….*[28]*…then you will know that **I am** he…*"
- It-TDĠ taqra,
  "[18]*Hemm **jien** nixhed dwari nnifsi,…*[23]***jien*** *mill-oqsma ta' fuq,…**jien** m'iniex minn din id-dinja….*[24]*Għax jekk ma temmnux li **jien hu**, għad tmutu fi dnubietkom….*[28]*imbagħad tkunu tafu li **jien hu**,…*"

Biex wieħed jifhem sewwa dan, ikun jeħtieġ li jaqra Eżodu 3:13-14 minn kull traduzzjoni tal-Bibbja approvata u mhux imbabsa! Per eżempju, fil-Verżjoni tar-Re Ġakbu, (lix-Xhieda ta' Ġeħova kienu jużawha qabel l-1950), Mosè jistaqsi li YHWH x'kien ismu. It-Tweġiba ta' Alla hija "I AM" (JIEN HU). Dan jippreżenta problema għax-Xhieda ta' Ġeħova għaliex Ġesù qiegħed jistqarr li huwa l-JIEN HU, l-Alla li Jista' Kollox tat-Testment il-Qadim. Innota l-vers li jmiss fi Ġwanni 8:59, "*Għalhekk huma qabdu l-ġebel biex jitfgħuhulu…*" (TDĠ). Il-Lhud reliġjużi ta' żmien Ġesù kienu jafu tajjeb min Ġesù kien qiegħed jistqarr li kien. Huma aġixxew bħallikieku Ġesù kien dagħaj. (ara Levitku 24:16).

**B'dan il-qerq, kif jistgħu, kif intqal fid-Daħla, il-qarrejja sinċieri li jistinkaw "jaslu għall-għarfien eżatt dwar il-verità"? Dan mhux qerq ċar? *U dan li rajna s'issa għadu l-bidu*!**

12. <u>**Ġwanni 14:10-11**</u>,

- Il-Grieg jaqra:
  [10]ου πιστευεις οτι **εγω εν** τω πατρι και ο πατηρ εν εμοι εστιν τ α ρηματα α **εγω** λεγω υμιν απ εμαυτου ου λαλω ο δε πατηρ **εν εμοι** μενων ποιει τα εργα αυτου [11]πιστευετε μοι οτι εγω εν τω

πατρι και ο πατηρ **εν εμοι** ει δε μη δια τα εργα αυτα πιστευετ ε

"*[10]Not you are blieving that I **in** the Father and the Father **in** me is? The sayings which I am saying to you from myself not I am speaking; the but Father **in** me remaining is doing the works of him. [11]Be you believing to me that I **in** the Father and the Father **in** me…*"

- It-TDĠ taqra: "*[10]Ma temminx li jien **f'unjoni mal**-Missier u l-Missier **f'unjoni miegħi**? Dak li ngħidilkom ma ngħidux minni nnifsi; imma l-Missier li jibqa' f'unjoni miegħi jagħmel l-għemejjel tiegħu. [11]Emmnuni li jien **f'unjoni mal**-Missier u l-Missier **f'unjoni miegħi**?...*" (Enfasi dejjem tiegħi).
- Jew it-tradutturi Maltin ma jafux l-Ingliż tajjeb biex jittraduċuh għall-Malti jew iridu jqarrqu. Liema minnhom?
- Ma jafux li "**in**" fil-Malti hija "**fil**" u mhux "**f'unjoni mal**-"?
- Erba' darbiet sar dan l-ingann f'dawn iż-żewġ versi biss.
- Ara wkoll fejn sar l-istess bdil fi Ġwanni 6:56; 14:20; Rumani 8:1, 2, 10; 12:5; 2 Korintin 5:17; Galatin 3:28; Efesin 2:10, 13, 15, 21, 22; 3:6; Kolossin 1:27; 2:6, 11; 3:3; 1 Tessalonikin 4:16; 5:18; 1 Ġwanni 3:24; 4:4; 5:20. X'fedeltà mat-test Grieg!!!
- Possibbli li dawk li qegħdin jaċċettaw it-tagħlim ta' dik l-organizzazzjoni kuntenti li jkomplu jaċċettaw il-qerq u mhumiex lesti li jaċċettaw il-verità u ma jħalluhomx iqarrqu aktar bihom! (Efesin 5:6).
- Ma jindunawx li kull fejn hija murija d-Divintà tal-Mulej tagħna, Ġesù Kristu, il-versi kollha ġew imbabsa?

13. **<u>Ġwanni 14:14</u>,**

- Il-Grieg jaqra:

  εαν τι αιτησητε ***με*** εν τω ονοματι μου τουτο ποιησω

  "*if ever anything you should **ask me** in the name of **me** this I shall do.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

- It-TDĠ taqra: "*Jekk titolbu xi ħaġa f'ismi, nagħmilha.*"

**Mistoqsija**: Għaliex mhux "Jekk **titolbu<u>ni</u>**" imma "**titolbu**"?

- Dan hu qerq fin. Qerq li jiena ċert mija fil-mija li kull membru f'dik l-organizzazzjoni lanqas biss qatt ma ħaseb dwar dan il-bdil.
- Ir-raġuni għal din il-bidla hija biex huma *jiċħdu* l-fatt li aħna nitolbu lil Kristu, meta t-talb għandu jkun indirizzat biss lill-Missier u b'hekk dan ikun juri li Kristu tassew hu Alla.

- Tinsiex, lit-tradutturi Maltin, ġew imġiegħla jnaqqsu u jbiddlu minn dak li qal u li jgħid il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u mhux minn dak li qal xi bniedem!
- Dejjem żommu f'moħħok dan!

14. **Ġwanni 17:3,**
- Il-Grieg jaqra,
  αυτη δε εστιν η αιωνιος ζωη ινα **γινωσκωσιν σε** τον μονον αληθινον θεον και ον απεστειλας ιησουν χριστον
  "This but is the everlasting life in order that they may be knowing you the only true God and whom you sent forth Jesus Christ."
- In-NWT taqra,

  "*This means everlasting life, **their taking in knowledge** of you, the only true God, and of the one whom you sent froth, Jesus Christ.*"
- It-TDĠ taqra,
  "*Il-ħajja ta' dejjem tfisser dan: li **jieħdu għarfien** dwarek, l-uniku Alla veru, u dwar Ġesù Kristu li int bgħatt.*"

Hawn wieħed jista' jara kemm huwa fin il-qerq tat-Torri ta' l Għassa. Id-differenza hija fil-kliem "jieħdu għarfien" u "jagħrfu." Tat-Torri ta' l-Għassa **jafu** għaliex fin-nota isfel huma kitbu dwar 17:3 ta' Ġwanni: **17:3*** Or, "their knowledge of you." Gr. *Hi'na gi-no'sko-si se.*"

Mela la jafu li l-Grieg igħid "*l-għarfien tiegħek*" għaliex huma poġġew "***jieħdu għarfien** dwarek*"?

Hawn għandna diskrepanza intenzjonata oħra. "Li huma jagħrfu lilek," **Ginosko** (**γινωσκωσιν σε**). Biċ-ċar dawn mhumiex l-istess! IL-kelma Griega li nsibu fi Ġwanni 17:2, li hija *ginosko* tinsab ukoll fil-versi li ġejjin. Innota kif din il-kelma hija wżata: U se nikkowta mit-TDĠ:

**1 Korintin 8:3** – "*Imma jekk xi ħadd iħobb lil Alla, Alla jkun **jafu** lil dan.*"

**Galatin 4:9** – "*Imma issa li **tafu** lil Alla, jew, aħjar, issa li Alla sar **jafkom**, …*"

**2 Timotju 2:19** – "*…Ġeħova **jafhom** lil dawk li huma tiegħu,"…*"

**Ġwanni 10:14** – "*Jien ir-ragħaj mill-aħjar u naf lin-nagħaġ tiegħi u n-nagħaġ tiegħi **jafu** lili,*"

**Ġwanni 10:27** – "*Jien tiegħi jisimgħu leħni, u jien **nafhom**, u huma jiġu warajja.*"

**1 Ġwanni 2:13, 14** – "[13]*Missirijiet, qed nitktbilkom għax sirtu **tafu** lil dak li hu mill-bidu…Ulied żgħar, niktbilkom għax sirtu **tafu** lill-Missier.* [14]*Missirijiet, nitktbilkom għax sirtu **tafu** lil dak li hu mill-bidu….*"

It-tifsira hija *Affiljazzjoni* ***mhux*** *jieħdu l-għarfien*. Minn dawn huwa faċli li tara li l-kelma Griega *ginsoko* tindika ***affiljazzjoni***. Mela għaliex ix-Xhieda ta' Ġeħova jgħallmu xi ħaġa oħra? Għaliex huma jgħallmu wkoll li **huma weħidhom jistgħu igħallmu b'mod korrett il-veritajiet ta' Alla.** Għalhekk, huma jinterpretaw Ġwanni 17:3 li tfisser "*jieħdu għarfien,*" permezz ta' dan, iġibu nies fl-organizzazz-joni tagħhom billi jgħawwġu l-Iskrittura.

Ġesù Kristu identifika l-ewwel ħtieġa meta hu qal f'talba lill-Missier: "*Il-ħajja ta' dejjem tfisser dan: li **jieħdu għarfien** dwarek, l-uniku Alla veru, u dwar Ġesù Kristu li int bgħatt*" (Ġwanni 17:3). **Għarfien** ta' Alla u ta' Ġesù Kristu jinkludi **għarfien** ta' l-iskopijiet ta' Alla rigward l-art u r-rwol ta' Kristu bħala s-Sultan il-ġdid ta' l-art. Sejjer int tieħu **għarfien** bħal dan billi tistudja l-Bibbja? (It-Torri ta' l-Għassa, Frar 15, 1983, p. 12).

Ħabib, staqsi lilek innifsek il-mistoqsija, "Kemm kellu **għarfien** l-għassies ta' Filippi biex jieħu biex isir Kristjan?" Kellu hu li jissottometti lilu nnifsu l-ewwel għal sitt xhur ta' studju tal-ktieb jew dan ġara immedjatament wara li sema' l-verità ikkwotata f'Atti 16:31 u aġixxa fuqha?

U xingħidu dwar Korneljus, **kemm kellu** *għarfien* **biex isir Krist-jan**? Ara Atti 10:43-48. Ftakar, il-Grieg għal Ġwanni 17:3 MA jgħidx *għarfien*, imma minflok, ***jafu lilek***, li hija l-istess bħal *affiljazzjoni*.

15. **Atti 1:21,**

- Il-Grieg jaqra:
  … εξηλθεν εφ ημας ο **κυριος** ιησους
  "*…to which went in and went out upon us the **Lord** Jesus,*"
- It-TDĠ taqra: "*…li ngħaqdu magħna matul iż-żmien kollu li fih **il-Mulej** Ġesù…*"

**Mistoqsija**: Għaliex hawn il-kelma "**Mulej**" (*Kurios*) fit-TDĠ mhix tradotta "**Ġeħova**" kif inhi tradotta f'Atti 2:20, 21, 34?

- Minn dan wieħed jista' jara sa fejn jaslu dawk li jridu jwasslu t-tagħlim falz tagħhom. Mhux l-istess kelma (**κυριος**) li nsibu fil-Grieg famuż ta' Westcott u Hort għandna f'dawn il-versi kollha?
- Kif xi ħadd, li hu tassew sinċier u li jrid jaf il-verità, jista' jafdahom lil dawn in-nies, li jgħidu ħaġa fid-DAĦLA u mbagħad issib il-kontra meta tibda taqra?

16. **<u>Atti 2:17</u>,**

- Il-Grieg jaqra:

  και εσται εν ταις εσχαταις ημεραις λεγει ο θεος εκχεω **απο τ ου πνευματος μου** επι πασαν σαρκα και προφητευσουσιν οι υιοι υμων και αι θυγατερες υμων και οι νεανισκοι υμων ορ ασεις οψονται και οι πρεσβυτεροι υμων ενυπνιοις ενυπνιασ θησονται

  "And it will be in the last days, is saying the God, I shall pour out **from the spirit of me** upon all felsh, and will prophesy the sons of you and the daughters of you, and the young men of you visions will see, and the older men of you dreams will dream;"

- In-NWT taqra,

  "*And in the last days," God says, "I shall pour out* ***some*** *of my psirit upon every sort of flesh…*"

- It-TDĠ taqra:

  "*U fl-aħħar jien," jgħid Alla, "inferra* ***ftit*** *mill-ispirtu tiegħi fuq kullxorta ta' bnedmin, u wliedkom subien u bniet jipprofetizzaw u ż-żgħażagħ tagħkom jaraw viżjonijiet u x-xjuħ tagħkom joħolmu ħolm.*"

  L-iskop ta' din il-bidla hija biex tevadi l-għarfien ta' l-Ispirtu s-Santu u l-attività Tiegħu f'Pentekoste billi jissuġġerixxu qawwa mhux personali imħarrka għal grad aktar illimitat minn Alla.

  Minn dan wieħed jista' jara sa fejn jasal il-bniedem biex iwassal it-tagħlim falz tiegħu!

  Fejn insibu fil-Grieg il-kelma "ftit"? Min ta l-awtorità lit-tradutturi Maltin u dawk tan-NWT biex iżidu l-kelma "ftit" ("some") mal-kelma Mqaddsa ta' Alla?

17. **<u>Atti 2:20-21</u>,**

- Il-Grieg jaqra:

[20]ο ηλιος μεταστραφησεται εις σκοτος και η σεληνη εις αιμ α πριν ελθειν ημεραν **κυριου** την μεγαλην και επιφανη [21]και εσται πας ος εαν επικαλεσηται το ονομα **κυριου** σωθησεται

*"…to come day of **Lord** the great and illustrious. And it will be everyone who if ever should call upon the name of the **Lord** he will be saved."*

- It-TDĠ tarqa: *"…ma jasal il-jum kbir u magħruf ta' **Ġeħova**. [21]U kulmin isejjaħ isem **Ġeħova** jkun salvat."* (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija**: Għaliex minflok "**Mulej**" it-TDĠ għandha "**Ġeħova**"? Huwa l-Grieg famuż, l-oriġinal, żbaljat?

18. <u>**Atti 2:34,**</u>
   - Il-Grieg jaqra:

     ου γαρ δαυιδ ανεβη εις τους ουρανους λεγει δε αυτος ειπεν **κυριος** τω **κυριω** μου καθου εκ δεξιων μου

     *"…but he said **Lord** to the **Lord** of me…"*
   - It-TDĠ taqra: *"…hu stess jgħid, '**Ġeħova** qal lill-**Mulej** tiegħi…"*

**Mistoqsija**: Għaliex it-tradutturi Maltin hawn ma poġġewx "***Ġeħova** qal lil **Ġeħova** …*"? (Enfasi dejjem tiegħi.) Hekk għandu jsir biex wieħed ikun konsistenti! Imma x'tiswa l-konsistenza! Ħadd mhu se jinduna!

- It-tweġiba sempliċi hija: biex jingannaw lis-segwaċi tagħhom! U tassew qiegħed jirnexxilhom!
- Aħna għandna *l-istess kelma Griega għal* "**Mulej**" fi tliet versi, jiġifieri, f'**Atti 2:20, 21, 24**!
- Imma ħalli aħna nħallu l-Iskrittura Griega, flimkien mat-TDĠ jinterpretaw huma dwar il-kelma "**Mulej**."

19. <u>**Atti 2:47,**</u>
   - F'dan il-vers għandna tliet tifsiriet differenti. Il-Grieg ma jaqbilx ma' dak li tgħid in-New World Translation bl-Ingliż, u l-Malti (TDĠ) ma jaqbilx man-New World Translation bl-Ingliż, imma jaqbel mal-Grieg. Ħalli naraw.
   - Il-Grieg jaqra:

     ... δε **κυριος προσετιθει** τους σωζομενους καθ ημεραν επι το αυτο

     *"…But the **Lord** was **adding** the (ones) being saved according to day upon the very [time]."*

- In-NWT tara: "*…At the same time **Jehovah** continued to **join** to them daily those being saved.*"
- It-TDĠ taqra: "*...Fl-istess ħin, **Ġeħova** kompla **jżid** magħhom kul-jum lil dawk li kienu qed jiġu salvati.*" (Enfasi dejjem tiegħi).

**Mistoqsija**: Fin-NWT it-tradutturi biddlu l-kelma "**iżid**" u għamlu l-kelma "**join**." Imma fit-TDĠ, it-tradutturi Maltin, jew ma kinux jafu l-kelma Maltija għal "join" (kompla jsieħeb) jew forsi ħassew li "join" kienet żbaljata u biddluha u poġġew il-kelma t-tajba "iżid."

- Ukoll it-tradutturi Maltin, iżda, poġġew "Ġeħova" minflok "Mulej." X'kuraġġ irid ikollok biex tbabas il-Kelma ta' Alla b'dak il-mod! Tpoġġi isem li qatt ma eżista fl-Iskrittura kollha u li, skond tat-Torri ta' l-GĦassa stess, beda jeżisti fis-seklu 14 u beda jintuża minħabba l-familjarità tan-nies, minflok **Mulej**! (Ara FORWARD, paġni 11 u 23, *The Kingdom Interlinear Translation of the Greek Scriptures*).
- Wieħed għandu jkun attent ħafna li ma jinqabadx fit-tifsira tagħhom dwar dan l-isem fejn jippruvaw igħidu li dak huwa l-isem Ingliż (jew Malti) għal Yaħweh! Dan mhux tassew! **Le mhuwiex**!

20. **<u>Atti 20:7,</u>**

- Il-Grieg jaqra,

  εν δε τη μια των σαββατων συνηγμενων ημων **κλασαι αρτον** ο παυλος διελεγετο αυτοις μελλων εξιεναι τη επαυ ριον παρετεινεν τε τον λογον μεχρι μεσονυκτιου

  "In but the one of the sabbaths having been led together of us to **break bread** the Paul was discoursing to them, being about to go out to the morrow he extended alongside and the word until mid-night."

- It-TDĠ taqra,

  "*Fl-ewwel jum tal-ġimgħa, meta konna miġburin flimkien biex **nieklu,** Pawlu beda jkellimhom, għax kien se jitlaq l-għada; u tawwal id-diskors tiegħu sa nofsillejl.*"

  Possibbli lit-tradutturi Maltin ma jafux id-differenza minn "jaqsmu l-ħobż" għal "nieklu"? Imma dan il-vers kien mibdul biex jappoġ-ġja ċ-ċelebrazzjoni *annwali* tas-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa tat-tqarbin, magħrufa mix-Xhieda ta' Ġeħova bħala "The Memorial."

  Imma din l-interpretazzjoni teqred it-tifsira vera. Il-bidla tagħhom ta' "naqsmu l-ħobż" għal "nieklu" hija mingħajr ebda appoġġ. Il-Grieg ma jgħidx li huma kienu miġburin biex 'jieklu'. Il-Grieg jgħid

ċar "biex naqsmu l-ħobs" (*Klasai* = 'biex naqsmu,' *Arton* = 'ħobż') u mhux biex nieklu (*Esthõ*, εσθιειν; Luqa 12:45, jew *Sun-esthiõ,* και συνεσθιει, Luqa 15:2).

Biex wieħed jara aktar kemm dan hu qerq ċar, dan għandu jaqra n-nota fuq isfel fit-traduzzjoni Ingliża tan-New World Translation of the Holy Scriptures with references, 1984, fejn fil-kumment dwar Atti 20:7 fuq isfel jintqal hekk: **20:7*** Lit., "to break bread." Ma jfissirx li l-Kumitat ta' dik it-traduzzjoni kienu jafu sewwa l-kliem oriġinali imma xorta biddluh biex iqarrqu bil-membri tagħhom? Nistaqsi jien lil tax-Xhieda ta' Ġeħova, liema waħda mit-tnejn huma se jaċċettaw, "nieklu" jew "naqsmu l-ħobż"?

Ħarsa lejn il-Grieg li jużaw huma stess hija interessanti għaliex it-test Grieg (***klasai arton***) għandu t-traduzzjoni Ingliża taħtu – u din taqra "to break bread' waqt li kemm in-NWT u TDĠ bidlu dan biex jaqra "meal'(Gr. ***aleuron***). U l-Malti, "nieklu" u mhux "ikla." Il-Malti u l-Ingliż ma jaqblux! Huwa dan qerq jew le?

21. **<u>Atti 20:28</u>**,

- Il-Grieg jaqra:

  προσεχετε εαυτοις και παντι τω ποιμνιω εν ω υμας το πνευμ α το αγιον εθετο επισκοπους ποιμαινειν την **εκκλησιαν του θεου** ην **περιεποιησατο δια του αιματος του ιδιου**

  "*Be you paying attention to selves and to all the flock, in which you the spirit the holy put overseers, to be shepherding the ecclesia **of the God**, which he reserved for self through the **blood of his own**.*"

- It-TDĠ taqra: "*Oqogħdu attenti għalikom infuskom u għall-merħla kollha li minnha l-ispirtu qaddis ħatarkom indokraturi biex tirgħu k-kongregazzjoni t'Alla, li xtara bid-demm **ta' Ibnu stess***"

**Mistoqsija**: Għaliex fil-Malti il-kliem "**ta' Ibnu**" ġie miżjud meta dan mhuwiex fil-Grieg?

- Mhux hekk biss, fit-traduzzjoni Ingliża, in-New World Translation, it-tradutturi għallinqas poġġew il-kelma Son fil-parentesi [ ] fejn naqraw hekk:
- "*…the congregation of God, which he purchased with the blood of his own [Son].*"
- Imma t-tradutturi Maltin ta' din il-verżjoni, għandhom aktar kuraġġ mit-tradutturi l-oħra kollha li ttraduċew it-Testment il-Ġdid u ma

jibżgħux mill-Awtur Divin li Lejh huma qalu (fid-DAĦLA) li għandhom responsabbiltà speċjali." Billi ħadu l-awtorità f'idejhom u żiedu fil-Kelma ta' l-Awtur Divin il-kliem "ta' Ibnu" għalihom ma ġara xejn! Billi jqarrqu bil-qarrejja tagħhom, għalihom ma jiġri xejn! (Tajjeb li dawk it-tradutturi jaqraw 2 Pietru 3:16b.)

22. **<u>Rumani 8:29,</u>**

- Il-Grieg jaqra:

  οτι ους **προεγνω** και προωρισεν συμμορφους της εικονος το υ υιου αυτου εις το ειναι αυτον πρωτοτοκον εν πολλοις αδε λφοις

  "Because which ones he **forknew**, also he defined beforehand conformed to the image of the Son of him, into the to be him firstborn in many brothers."

- In-NWT taqra:

  "*Because those who he* ***gave his first recognition*** *he also …*"

- It-TDĠ taqra,

  "*għax lil dawk li rrikonoxxa l-ewwel hu wkoll …*"

Din ir-reviżjoni toskura n-natura ta' l-għarfien u l-qawwa ta' Alla bħala l-ewwel rikonoxximent jista' jew ma jistax ikun għarfien minn qabel.

Taf int li l-kelma "*rrikonoxxa*" ("recognition") ma tinstabx fl-oriġinal? Imma tat-Torri ta' l-Għassa jistgħu jżidu kemm iridu! Imma ara l-kelma "Trinità" jgħidulek li dik mhix fl-oriġinal u sewwa jgħidu. Imma ħadd ma żiedha fil-Bibbja kif għamlu huma fejn żiedu numru ta' kliem li mhuwiex fil-Bibbja! (Ara paġna 55 biex tara liema kliem hu miżjud minnhom fil-Bibbja Mqaddsa).

23. **<u>Rumani 4:3,</u>**

- Il-Grieg jaqra,

  τι γαρ η γραφη λεγει **επιστευσεν** δε αβρααμ τω **θεω** και ελογισθ η αυτω εις δικαιοσυνην

  "what for the scripture is saying? **Believed** but Abraham to the God, and it was reckoned to him into righteousness."

- In-NWT taqra,

  "*For what does the scripture say? "Abraham* ***exercised*** *faith in Jehovah and it was counted to him as righteousness.*"

- It-TDĠ taqra,

"*Għax x'tgħid l-iskrittura: Abraham **eżerċita l-fidi f'Ġeħova** u dan ngħaddlu bħala ġustizzja.*"

Fejn hi l-fedeltà lejn il-Grieg? Wieħed jista' jara l-Grieg xi jgħid. Fejn insibu fih "***eżerċita l-fidi f'Ġeħova***"? Għaliex it-tradutturi Maltin ma poġġewx il-kliem li jaqbel mal-Grieg, jiġifieri, "**emmen f'Alla**" u kkuppjaw in-NWT? Ma jridux jinsew li huma qegħdin ibabsu fil-Kelma ta' Alla u mhux fil-kelma ta' xi bniedem! Imma milli jidher dawn ma jibżgħux minn Alla għaliex kif qegħdin naraw, dawn mhux vers wieħed babsu imma numru mhux ħażin mill-Kelma Mqaddsa ta' Alla!

24. **<u>Rumani 8:1</u>,**

- Il-Grieg jaqra:

  ουδεν αρα **νυν** κατακριμα τοις εν χριστω ιησου
  "*Nothing really **now** condemnation to the in Christ Jesus;*"

- It-TDĠ taqra: "*Għalhekk, dawk li qegħdin **f'unjoni** ma' Kristu Ġesù m'għandhomx kundanna.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)
- Il-verżjonijiet tax-Xhieda ta' Ġeħova, inkluż tal-Malti, jħallu barra kliem ta' qofol fejn meta jinkluduh dan jista' jikkontradixxi d-dottrina tagħhom.
- L-aktar eżempju qawwi huwa Rumani 8:1 – "*Għalhekk, dawk li qegħdin **f'unjoni** ma' Kristu Ġesù m'għandhomx kundanna*" li jħallu barra f'dan il-vers il-kelma **ISSA**.
- Din l-ommissjoni, li forsi għal xi wħud tidher li mhix ta' importanza, hija biċ-ċar immotivata bil-fatt li x-Xhieda ta' Ġeħova ma jemmnux li xi ħadd jista' **ISSA** jkun ħieles mill-kundanna.
- Għidli min, minn dawk kollha li saru membri f'dik l-organizzazzjoni, kienu jafu dawn l-affarijiet **qabel** ma huma aċċettaw li jsiru membri fiha!

25. **<u>Rumani 8:23a</u>,**

- Il-Grieg jaqra:

  … αλλα και αυτοι την απαρχην **του** πνευματος …
  "*...but also very ones the firstfruits **of the** spirit...*"

- It-TDĠ taqra: "*..imma anki aħna li għandna l-ewwel frott, **jiġifieri, l-ispirtu**,...*" (Enfasi dejjem tiegħi).

**Mistoqsija:** Għaliex fil-Malti, it-tradutturi Maltin żiedu l-kelma: "**jiġifieri**" u b'hekk biddlu l-vera tifsira li dan il-vers irid iwassal?

- Dan il-vers igħid ċar li aħna għandna "*l-ewwel frott **ta'** l-Ispirtu*" u mhux "l-ispirtu." Imma ħaġa ta' l-iskantament, kull fejn jidħlu l-Ispirtu s-Santu u Kristu, il-kliem ġie mbabas!
- Dan jippreżenta forma oħra li turi b'mod differenti l-personalità ta' l-Ispirtu s-Santu kif għamlu f'Rumani 2:29. It-test oriġinali jirrefe-ri għad-derivattivi (tnissil) ta' l-Ispirtu, imma r-reviżjoni tidentifi-ka lil l-ispirtu bħala derivattiv.
- Imma, sfortunatament, hemm ħafna li ma jridux jarawh dan u hu-ma kuntenti li jibqgħu jiġu ngannati b'dan il-mod sfaċċat (Atti 28: 26-27; Efesin 5:6).

**<u>Rumani 23b</u>**

- Il-Grieg jaqra,

  ...απεκδεχομενοι **την απολυτρωσιν του σωματος** ημων

  L-ingliż eżatt jaqra hekk: "...eagerly expecting the redemption of the body of us."

- In-NWT taqra,

  "...the release from our bodies by ransom."

- It-TDĠ taqra,

  "...li ninħlesu minn ġisimna bil-fidwa."

Din ir-reviżjoni tevità s-suġġeriment li hemm kontinwità ta' kemm il-ġisem jew ir-ruħ wara l-mewt. It-tagħlim tagħhom lir-ruħ tieqaf milli tkompli teżisti fil-mewt tal-ġisem tipprekludi l-pussess ta', jew ir-relazzjoni għal, ġisem li għandu jkun mifdi

26. **<u>Rumani 8:28,</u>**

- Il-Grieg jaqra:

  οιδαμεν δε οτι τοις αγαπωσιν τον θεον **παντα** συνεργει *ο θεο ς* εις αγαθον τοις κατα προθεσιν κλητοις ουσιν

  "*We know but that to the (ones) loving the God **all** (things) is working together the God into good, to the (ones) according to purpose called (ones) being.*"

- It-TDĠ taqra:

  "*Issa aħna nafu li Alla jġiegħel **l-għemejjel** kollha tiegħu jaħdmu id f'id għall-ġid ta' dawk li jħobbu lil Alla, dawk imsejħin skond l-iskop tiegħu.*"

**Mistoqsija:** Għaliex it-tradutturi Maltin ikkuppjaw jew għamlu l-istess żball tat-tradutturi tan-New World Transaltion u **żiedu** l-kelma "**għe-mejjel**" f'dan il-vers?

Insew x'kienu qalu (fid-DAĦLA) dwar l-Awtur Divin li Lejh għandhom responsabbiltà speċjali" Din hija r-responsabbiltà li jaq-bdu u jżidu kliem li Hu, l-Awtur Divin ma qalux? Imma l-iskop ta' din iż-żieda huwa biex juru li Alla **m'għandux** kontroll tal-ħwejjeġ kollha imm ali jikkontrolla biss il-ħwejjeġ li Hu nvolut direttament f'li jagħmel. Nistaqsi jien: Kemm mill-membri tagħhomn jafu b'dan il-qerq kollu?

27. <u>**Rumani 9:5**</u>,

- Il-Grieg jaqra:

  ων οι πατερες και εξ ων ο χριστος το κατα σαρκα ο ων επι π αντων **θεος ευλογητος** εις τους αιωνας αμην

  "*of whom the fathers, and out of whom the Christ the according to flesh, the **being upon all, God blessed** into the ages; amen.*"

- It-TDĠ taqra: "*li tagħhom huma l-missirijiet u lil minnhom **ħareġ** il-Kristu skond il-laħam: **ikun** imbierek għal dejjem Alla, li hu fuq kollox u fuq kulħadd. Amen.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)
- Hawn it-tradutturi Maltin għal darb'oħra wrew li ma jimpurtahomx billi jżidu xi kelma mat-test. Il-kelma "ħareġ" mhix fl-oriġinal u li kieku biss it-tradutturi Maltin tassew taw ftit każ ta' dak li hemm miktub fil-verżjoni Ingliża tagħhom kienu jkunu jafu li dik il-kelma mhix fl-oriġinal għaliex fil-verżjoni NWT dik il-kelma li fl-Ingliż hija "sprang" tinsab fil-parentesi [sprang], kif ukoll il-kelma "ikun" tinsab fil-parentesi [be].
- Imma t-tradutturi Maltin tassew huma kuraġġjużi fejn tidħol il-Kelma ispirata ta' Alla! Billi jżidu kelma hawn u kelma hemm ma jkun ġara xejn għalihom! (Rivelazzjoni 22:18-19).
- L-informazzjoni pproklamata li Kristu huwa Alla hija mċajpra bil-bidla tat-test.

28. <u>**Rumani 10:12-13**</u>,

- Il-Grieg jaqra:

  12 ου γαρ εστιν διαστολη ιουδαιου τε και ελληνος ο γαρ αυτο ς **κυριος** παντων πλουτων εις παντας τους επικαλουμενους αυτον 13 πας γαρ ος αν επικαλεσηται το ονομα **κυριου** σωθη σεται

"*… the for very **Lord** of all,… calling upon him; everyone for who likely might call upon the name of **Lord** will be saved.*"

- It-TDĠ taqra: "*…iżda fuq kulħadd hemm l-istess **Mulej**,…* [13]"*kul-min isejjaħ isem **Ġeħova** jiġi salvat.*"

**Mistoqsija**: Min hu **l-Mulej** lin-nies "*għandhom isejħu ismu*"?

L-Iskrittura tgħidilna ċar ħafna:

- <u>Atti 4:12</u> – "*Iktar minn hekk, **f'ħadd iżjed m'hemm salvazzjoni**, għax **m'hemmx isem ieħor** taħt is-sema li ngħata lill-bnedmin u li bih nistgħu niġu salvati.*" (TDĠ.) (Enfasi dejjem tiegħi).
- U ta' min u dan l-isem? Ara Atti 4:7, 10, 30.
- U aħna xhieda ta' min għandna nkunu skond il-Kelma ta' Alla?
- Tweġiba: "*imma meta l-ispirtu qaddis jiġi fuqkom tirċievu qawwa u tkunu XHIEDA TIEGĦI f'Ġerusalem u fil-Lhudija kollha u fis-Samarija u sa l-iktar parti mbiegħ da ta' l-art*" (Atti 1:8; TDĠ).
- Mela għaliex mhux XHIEDA TA' KRISTU imma Xhieda ta' Ġeħova, isem li mhuwiex Skritturali?
- Jew huwa xi diżunur li nkunu Xhieda ta' Kristu?
- Imma din ir-reviżjoni toskura l-fatt li l-Mulej irreferut għalih f'vers 13 huwa l-istess Mulej imsejjaħ Ġesù f'vers 9. Bili x-Xhieda ta' Ġeħova jirriġettaw id-divinità ta' Ġesù, ir-reviżjoni hija magħmula skond dan.
- Il-kelma Griega, *kurios* tradotta "Mulej" kienet ġiet irriveduta għal "Ġeħova" għal aktar minn 200 darba fin-NWT. Ix-Xhieda ta' Ġeħova jinsistu li dan huwa l-uniku titlu validu, ukoll għalkemm ma jinstabx fl-oriġinal, u għalkemm Lhud li jitkellmu bil-Grieg kienu jużaw "Mulej" u "Alla" minflok "Yaħweh" (u mhux "Ġeħ-ova") matul is-Settanta tagħhom.

**<u>Rumani 10:9</u>,**

- Il-Grieg jaqra:

  οτι εαν ομολογησης το ρημα εν τω στοματι σου οτι **κυριος ιησους** … σωθηση

  "*That if ever you should confess the saying in the mouth of you **that Lord Jesus**, …you will be saved.*"

- It-TDĠ taqra: "*Għax jekk ixxandar pubblikament dik il-'kelma ta' fommok,' li **Ġesù hu Mulej**, …int tiġi salvat.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

<u>Acts 1:21</u> – Hawn Ġesù huwa msejjaħ **Mulej**:

- Il-Grieg jaqra:

… ω εισηλθεν και εξηλθεν εφ ημας ο **κυριος** ιησους

"*…to which went in and out upon us the **Lord** Jesus*"

- In-NWT taqra,

  "*…in which the **Lord** Jesus went in and out among us.*"

- It-TDĠ taqra: "*…li fih **il-Mulej** Ġesù kien jidħol u joħrog magħna.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)
- Ara wkoll Atti 5:14 fejn it-tnejn, il-Grieg u t-TDĠ għandhom "**Mulej**"!

**Mistoqsija**: Għaliex f'**Rumani 10:9** aħna għandna L-ISTESS kelma Griega għall-**Mulej** (**κυριος**) li aħna għandna f'**Atti 2:34**, jiġifieri, **Kurios**, it-tradutturi tad-TDĠ ma poġġewx "**Ġeħova**" kif huma għamlu **f'Atti 2:34**?

- Jiena nistieden lix-Xhieda ta' Ġeħova biex jieħdu l-*Interlinear Translation of the Greek Scriptures* li jużaw huma stess u li fid-DAĦLA tad-TDĠ qalu li dan u t-test Grieg Famuż ta' Westcott u Hort **u jkollhom il-kuraġġ** li jiċċekkjaw għalihom infushom biex b'hekk huma jsibu kemm qegħdin jiġu mqarrqa!
- *Imma kemm hemm minnhom li huma lesti jagħmlu dan!*

**Wieħed għandu jkollu kuraġġ kbir biex jagħmel dan u huma biss dawk li tassew iridu li jogħġbu lil Alla u mhux lill-bnedmin u li huma sinċieri li jistgħu jaslu biex jagħmlu dan! (Atti 5:29).**

<u>Efesin 4:5</u> – F'każ li dawk il-membri tax-Xhieda ta' Ġeħova ma jafux kemm il-Mulej hemm, jaqraw għalihom infuskom din l-Iskrittura mit-Traduzzjoni tagħhom stess:

"*Mulej WIEĦED…*" (εις κυριος) (enfasi tiegħi).

- Min hu l-"Mulej WIEĦED", Ġeħova (Yaħweh) (Eżekjel 34:8, 11, 31; 35:3, 6, 11, 14; 36:2-7, 14-15, 23; 37:3, 9,12, eċċ; jew Kristu (Atti 1:21; 2:34; Rumani 10:9? Ma jistax ikun hemm TNEJN! Inkella wieħed minnhom ikun Mulej falz! Imma skond it-tagħlim tax-Xhieda ta' Ġeħova, hemm TNEJN U MHUX WIEĦED, Ġeħova u Kristu.
- U min hu "l-Mulej ta' kulħadd"? Isma' x'tgħid il-verżjoni TDĠ:

  "*Hu bagħat il-kelma lil ulied Iżrael biex ixandrilhom l-aħbar tajba tal-paċi permezz ta' Ġesù Kristu: **Dan hu l-Mulej ta' kulħadd**.*" (Atti 10:36).

- Temmen int li Ġesù Kristu tassew hu ***l-Mulej ta' kulħadd***?

- Temmen int li Yaħweh hu Mulej?
- Temmen int li hemm biss Mulej WIEĦED?
- Min huwa dan il-MULEJ WIEĦED?
- L-Iskritturi msemmija wieħed jista' jaqrahom fit-Traduzzjoni tax-Xhieda Ta' Ġeħova, in-New World Translation.

29. **<u>Rumani 13:1</u>,**

- Il-Grieg jaqra,

  πασα ψυχη εξουσιαις υπερεχουσαις υποτασσεσθω ου γαρ ε στιν εξουσια ει μη υπο θεου αι **δε ουσαι υπο θεου τεταγμεν αι εισιν**

  "Every soul to authorities havening over let be subjecting himself, not for is authority if not by God, the [authority] **but being by God having been set in order they are**;"

- In-NWT taqra,

  "*Let every soul be in subjection to the superior authority , for there is no authority except by God; the existing authorities stand placed **in their relative positions** by God.*"

- It-TDĠ taqra,

  "*Ħa tkun kull ruħ sottomessa lejn l-awtoritajiet superjuri, għax m'hemm l-ebda awtorità jekk mhux minn Alla; l-awtoritajiet li jeżistu **tqiegħedu fil-pożizzjoni relattivi tagħhom** minn Alla.*"

  Billi x-Xhieda ta' Ġeħova jqisu li jsellmu lill-bandiera, servizz militari u forom simili ta' sottomissjoni lejn il-gvern bħala idolatrija, huma **żiedu** kliem lit-test biex idgħajfu l-awtorità pproklamata tal-gvern.

  Imma ħadd ma jista' **jżid** xi kliem ma' jew inaqqas xi kliem mill-Kelma ta' Alla (Rivelazzjoni 22:18-19). Din l-awtorità li jżidu u jbiddlu kliem kemm iridu tat-Torri ta' l-Għassa ħaduha b'idejhom stess!

30. **<u>1 Korintin 6:19</u>,**

- Il-Grieg jaqra:

  τολμα τις υμων πραγμα εχων προς τον ετερον κρινεσθαι επι των αδικων και ουχι επι των αγιων

  "*Or not have you known that the body of you divine habitation of the holy spirit is, of which you are having from God? And not you are of selves,*"

- In-NWT taqra: "*What! Do you not know that the body of **you people** is the temple of the holy spirit within you, which you have from God?Also, you do not belong to yourselves,*"
- It-TDĠ taqra: "*X'inhu! Ma tafux li ġisimkom hu t-tempju ta' l-ispirtu qaddis li hemm fikom u li rċivejtu mingħand Alla? Ukoll, m'intomx tagħkom infuskom,*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija:** Liema hija t-tajba miż-żewġ traduzzjonijiet tax-Xhieda ta' Ġeħova, ta' l-Ingliż jew tal-Malti? Dawn it-tnejn ma jaqblux?

- In-NWT fl-Ingliż biddlet il-kliem "*your body is a temple of the Holy Spirit*" ma' "*the body of YOU people is [the] temple of the holy spirit.*"
- Biex jevitaw l-għarfien ta' l-abitazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu fl-emmieni, ir-reviżjoni timmodifika "ġisem" għal forma aktar kollettiva (YOU people) f'armonija mad-dottrina li topponi tax-Xhieda ta' Ġeħova.
- It-TDĠ, li suppost hija traduzzjoni tan-NWT, ma' dan il-kliem ma taqbilx, imma dan il-vers it-tradutturi Maltin ittraduċewh tajjeb u jikkontradixxi dak li tgħid it-traduzzjoni Ingliża, jiġifieri, in-New World Translation.
- Imma issa, jekk inti membru ta' dik l-organizzazzjoni, liema mit-tlieta se taċċetta. Lest int li tkompli hemm fl-ingann? Din hija ħaġa serja ħafna għaliex id-destin jista' jinbidel (Efesin 5:6).

31. <u>**1 Korintin 10:4**</u>**,**

- Il-Grieg jaqra,

  … ακολουθουσης πετρας η πετρα δε ην ο χριστος
  "*...the **rock-mass but was the Christ***"
- In-NWT taqra,

  "*…and that rock-mass **meant** the Christ.*"
- It-TDĠ taqra, "*…din il-blata kienet **tirrappreżenta** lill-Kristu.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija**: X'qerq! Għaliex il-bidla? Possibbli t-tradutturi Maltin ma jafux li "**was**" fil-Malti hija "**kienet**" u mhux "represents," "tirrappreżenta"? Taf in li l-kelma "tirrappreżenta" ("represents,") mhix kelma Skritturali?

- Ukoll it-tradutturi Maltin ma jafux li "meant" (kienet tfisser) hija differenti minn "tirrappeżenta"? Mela l-Kelma ta' Alla tista' tkun ittrattata b'dan il-mod meta ssir xi traduzzjoni tagħha?
- Imma aħna nafu għaliex din il-bidla: ir-raġuni hija għaliex f'Isaija 44:8 nqraw li Yaħweh igħid, "***...Ma hemm ebda blata; ma nafx oħra....***" U fit-Tieni Samwel 22:3 naqraw, "***Alla hu l-blata tiegħi...***"
- Allura li tax-Xhieda ta' Ġeħova, fit-traduzzjoni tagħhom ipoġġu li l-blata KIENET (mhux "tirrapprezenta") Kristu, dan ikun juri li Kristu tassew hu Yaħweh għaliex BLATA WAĦDA BISS HEMM (Isaija 44:8), l-istess kif hemm biss MULEJ WIEĦED!
- Imma possibbli ma jindunawx dawk il-membri li qegħdin jiġu ngannati! Ara x'tgħid l-Iskrittura Mqaddsa dwar il-BLATA:

  **<u>2 Samuel 22:1-3</u>** – "[1]*Then David spoke to the LORD the words of this song, on the day when the LORD had delivered him from the hand of all his enemies, and from the hand of Saul.* [2]*And he said: "**The LORD is my rock** and my fortress and my deliverer; **my God is my rock**, in whom I take refuge,...*"

  **<u>2 Samuel 22:33</u>** – "*For who is God, except the Yahweh? **And who is a rock, except our God**?*

  **<u>Psalm 18:2</u>** – "***The LORD is my rock** and my fortress and my deliverer; My God, my strength, in whom I will trust; My shield and the horn of my salvation, my stronghold.*"

  **<u>Psalm 28:1</u>** – "*To You I will cry, **O LORD my Rock**:...*"

  **<u>1 Corinthians 10:4</u>** – "*And drank the same spiritual drink; for they drank from the spiritual **rock** that accompanied them, and **that rock was Christ**.*"

32. **<u>1 Korintin 12:13,</u>**

- Il-Grieg jaqra:

  και γαρ **εν** ενι πνευματι ημεις παντες εις εν σωμα εβαπτισθη μεν ειτε ιουδαιοι ειτε ελληνες ειτε δουλοι ειτε ελευθεροι και παντες εν πνευμα εποτισθημεν
  "*and for **in** one spirit we all into one body we were baptized...*"

- In-NWT taqra: "*For truly **by** one spirit we were all baptized into one body...*"
- It-TDĠ taqra: "*Għax, tassew ilkoll ġejna mgħammdin **bi** spirtu wieħed f'ġisem wieħed,...*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija**: Għaliex il-bidla minn "**in**" għal "**by**" fin-NWT? Ma jafux it-tradutturi Maltin tax-Xhieda ta' Ġeħova li "**in**" fil-Malti hija "**fi**" u mhux "**bi**" (with)? Xi skop għal din il-bidla hemm, u kulħadd jaf x'inhu!

**Kull fejn jidħol l-Ispirtu s-Santu jew Kristu hemm it-tbabis! Għaliex? Nistaqsi jien!**

**X'għamlulkom Kristu u l-Ispirtu s-Santu biex daqshekk tridu tbaxxuhomn?**

33. **1 Korintin 14:14-16**,

- Il-Grieg jaqra:

  14εαν γαρ προσευχωμαι γλωσση **το πνευμα** μου προσευχεται
  ο δε νους μου ακαρπος εστιν 15τι ουν εστιν προσευξομαι **τω**
  **πνευματι** προσευξομαι δε και τω νοι ψαλω **τω πνευματι** ψα
  λω *δε* και τω νοι 16επει εαν ευλογης *εν* πνευματι ο αναπληρ
  ων τον τοπον του ιδιωτου πως ερει το αμην επι τη ση ευχαρι
  στια επειδη τι λεγεις ουκ οιδεν

  "*14If ever for I am praying to tongue, the spirit of me is praying, the but mind of me unfruitful is. 15What therefore is it? I shall pray **to the spirit**, I shall pray but also to the mind; I shall pray make melody to the spirit, I shall make melody but also to the mind; 16since if ever you may be blessing in spirit, the filling up the place of the ordinary how will he say the Amen upon ythe your thanksgiving?....*"

- In-NWT taqra: "*14For if I am praying in a tongue, it is my [**gift of the**] spirit … 15… I will pray with the [**gift of the**] spirit, but I will also pray with [**my**] mind. I will sing praise with the [**gift of the**] spirit, but I will also sing praise with [**my**] mind. … 16Otherwise, if you offer praise with a [**gift of the**] spirit, how will …*"

- Innota li l-frażi GIFT OF THE hija miżjuda fil-parentesi [ ] erba' darbiet.

- It-TDĠ taqra: "*14Għax jekk qed nitlob b'xi lsien, hi **għotja ta' l-ispirtu** tiegħi li qed jitlob,… 15…Nitlob **bl-għotja ta' l-ispirtu,** imma nitlob b'moħħi wkoll. Inkanta għanjiet ta' tifħir **bl-għotja ta' l-ispirtu,** imma nkanta għanjiet ta' tifħir b'moħħi wkoll….16Inkella, jekk toffri tifħir **b'għotja ta' l-ispirtu**, …*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

- Innota hawn ukoll li "***għotja ta' l-ispirtu***" fil-Malti, li għalkemm fit-traduzzjoni Ingliża (li fid-DAĦLA jintqal lit-TDĠ hi bbażata fuq

l-edizzjoni bl-Ingliż…) din tinsab fil-parentesi [ ] it-tradutturi Maltin għoġobhom li jneħħuhom il-parentesi (u wkoll il-parentesi ta' "my", moħħ/**i**") u juru dan il-kliem bħala parti mill-manuskritt oriġinali!

- Qiegħed tara sa fejn jaslu xi wħud biex igħallmu t-tagħlim falz tagħhom, sa jbabsu fil-Kelma ta' Alla u dan qisu ma jkun ġara xejn!
- Jista' xi ħadd ikollu prova akbar minn din dwar il-qerq li jinsab f'din it-*Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida*? (u wkoll fl-Ingliża NWT)!
- L-iskop ta' dan huwa biex jevitaw l-implikazzjoni li spirtu bħal dan għandu realtà distinta mill-ġisem. Bħal diversi passaġġi Bibliċi oħra, dawn il-versi jindikaw il-preżenza distinta ta' l-ispirtu uman kif distint mill-moħħ u l-ġisem.
- Ix-Xhieda ta' Ġeħova jevadu dawn id-distinzjonijiet u jippruvaw biex jurhom b'mod ieħor ma' reviżjonijiet relatati.
- Ara li jmiss fejn għal din ir-raġuni sar it-tbabis ukoll.

34. **2 Korintin 5:21,**

- Il-Grieg jaqra:

  … γενωμεθα δικαιοσυνη θεου **εν αυτω**

  "*...we might become righteousness of God* ***in him****...*"
- It-TDĠ taqra, "*...sabiex aħna nsiru l-ġustizzja t'Alla* ***permezz*** *tiegħu.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija**: Dan mhuwiex tbabis mal-Kelma ta' Alla? Għaliex il-bidla minn "**fih**" għal "**permezz tiegħu**"? (Ara li ġej ukoll).

35. **Galatin 3:22,**

- Il-Grieg jaqra,

  αλλα συνεκλεισεν η γραφη τα παντα υπο αμαρτιαν ινα η επ αγγελια εκ πιστεως ιησου χριστου δοθη τοις **πιστευουσιν**

  "But shut up together the Scripture the all (things) under sin in order that the promise out of faith of Jesus Christ might be given to the (ones) **believing**."
- It-TDĠ taqra,

  "*Imma l-Iskrittura tat kollox f'idejn id-dnub, sabiex il-wegħda li tiġi mill-fidi f'Ġesù Kristu tingħata li dawk li* ***jeżerċitaw il-fidi****.*"

  Issa li taf dan kollu, tajjeb li taqra Efesin 5:6!

36. **Galatin 5:15,**

- Il-Grieg jaqra:

… μη υπ αλληλων **αναλωθητε**
"*...not by one another you might be **consumed up**.*"

- In-NWT taqra: "*… that you do not get **annihilated** by one another*"
- It-TDĠ taqra: "*..li ma tinqerdux **għalkollox** minn xulxin.*"

**Mistqosija:** Għaliex it-tradutturi Maltin f'dan il-vers **żiedu** l-kelma "**għalkollox**"?

- Huma kienu jafu li dak il-vers ma jgħidx hekk għaliex f'Luqa 9:54, fejn insibu l-istess kelma Griega, u għalkemm it-traduzzjoni tagħhom Ingliża, in-NWT, użat l-istess kelma "*annihilation*" li wżat f'Galatin 5:15, (li mhix skritturali, kelma li jekk wieħed ifittixha f'dizzjunarju tal-Grieg tat-Testment il-Ġdid, dan ma jsibha mkien), it-tradutturi Maltin f'Luqa ma żidux il-kelma "**għalkollox**."
- Min dan wieħed jista' jara kemm it-traduzzjonijiet tagħhom huma magħmula skond il-fehma ta' min jagħmilhom u mhux skond il-Grieg!
- Liema traduzzjoni hija t-tajba, l-Ingliża (NWT) jew il-Maltija?
- Aħna nafu għaliex il-bidla. Din minħabba t-tagħlim żbaljat tagħhom li wara l-mewt il-ħżiena jispiċċaw għalkollox billi, skond huma (u mhux skond Kristu), l-infern, ma jeżistix!

37. **<u>Galatin 6:18</u>,**

- Il-Grieg jaqra:
  η χαρις του κυριου *ημων* ιησου χριστου μετα **του πνευματο ς υμων** αδελφοι αμην
  "*The undeserved kindness of the Lord of us Jesus Christ with **the spirit of you**, brothers; amen.*"
- It-TDĠ taqra: "*Il-qalb tajba mhix mistħoqqa tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu tkun ma' **l-ispirtu li turu**, ħuti, Amen.*" (Enfasi tiegħi.)

**Mistoqsija:** Huma "l-ispirtu tiegħi" u "l-ispirtu li nuri" l-istess? Żgur le!

- L-istess bħal l-ewwel Korintin 14 (numru 33), hawn l-attentat huwa biex joskuraw ir-realtà ta' l-ispirtu uman idividwali billi jippreżentawh aktar bħala *azzjoni* milli *entità*.
- Jekk dan mhux qerq, mela x'inhu?
- Jiena nistaqsi lil kull wieħed mill-membri Maltin (u wkoll barranin) jekk qabel ma huma aċċettaw li jsiru membri f'dik l-organizzazzjoni kinux jafu dwar dan il-qerq kollu li jiena wrejt sa hawn?

- Forsi issa huwa tard wisq għalihom li jitilqu, imma possibbli wara li jkunu jafu dan kollu jibqgħu kuntenti li jogħġbu lill-bnedmin aktar milli lil Alla? (Atti 5:29).

38. **Filippin 1:23,**
- Il-Grieg jaqra:

  συνεχομαι δε εκ των δυο την επιθυμιαν εχων εις το **αναλυσ αι** και συν χριστω ειναι πολλω γαρ μαλλον κρεισσον

  "*I am being held together but out of the two, the desire having to be loosing up and together with Christ to be, too much for rather better,*"
- In NWT taqra: "*I am under pressure from* ***these*** *two* ***things; but when*** *I do desire is the releasing and the being with Christ, for this,* ***to be sure****, is far better.*"
- It-TDĠ taqra hekk: "*Qed inħossni magħsur bejn* ***dawn*** *iż-żewġ* ***affarijiet****; imma dak li tassew nixtieq hu* ***l-ħelsien*** *u li nkun ma' Kristu, għax* ***dan żgur hu*** *ferm aħjar.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija:** Għaliex dak il-kliem kollu ġie miżjud fit-test? Dak kien miżjud biex juru tifsira differenti mill-vera tifsira. Dan hu qerq kbir u abbuż kbir mal-Kelma ta' Alla.
- Ix-Xhieda ta' Ġeħova jittraduċu b'dan il-mod biex jevitaw l-implikazzjoni tat-test li fil-mewt Pawlu ikun ma' Kristu.
- Implikazzjoni bħal din tikkontradixxi t-twemmin tagħhom li l-mewt tinvolvi l-qirda totali tar-ruħ.
- Fin-NWT it-tradutturi tagħha poġġew il-kelma "***releasing*** *and the being with Christ.*"
- Il-ħrara ta' Pawlu tindika li l-ispirtu ta' l-emmieni jmur immedjatament fil-preżenza ta' Kristu fil-mewt.
- Ir-reviżjoni tax-Xhieda ta' Ġeħobva tissuġġerixxi li l-mewt u li tkun ma' Kristu huma żewġ passi separati fi proċess twil, billi x-Xhieda ta' Ġeħova jemmnu fit-tagħlilm żbaljat ta' l-irqad tar-ruħ (jiġifieri, l-istat mhux konxju ta' l-ispirtu uman jistenna l-qawmien).
- Imma huma minflok ma jagħmlu t-tagħlim żbaljat tagħhom jaqbel mal-Kelma ta' Alla, huma jagħmlu l-Kelma ta' Alla taqbel mat-tagħlim żbaljat tagħhom!
- Jista' xi ħadd jiċħdu dan minn dan kollu li rajna s'issa u li għad irridu naraw?

**Mistoqsija:**

Għaliex it-tradutturi Maltin għoġobhom ipoġġu "*ħelsien*" meta l-kelma Griega għall-"*ħelsien*" hija ελευθερας (*eleutheros*) waqt li l-kelma Griega għal "*nitlaq*" (loosing) hija αναλυσαι (*analuo*)?

- Lanqas ma poġġew il-kelma għall-kelma li nsibu fin-New World Translation bl-Ingliż, jiġifieri, "releasing" li l-kelma Griega għaliha hija, απολυειν (*apoluo*), kelma differenti għalkollox.
- Imma ma jimpurtax, il-qarrejja tagħhom żgur li mhumiex sejrin jidħlu fid-dettall daqshekk u jindunaw bl-iżball (jew qerq)! Huma sempliċiment jaċċettaw dak li jaqraw b'għajnejhom magħ-luqa!
- Ix-xewqa ta' l-appostlu Pawlu tindika li l-ispirtu ta' l-emmieni jmur immedjatament fil-preżenza ta' Kristu fil-mewt.
- Imma l-qerq ta' dawn it-traduzzjonijiet, in-NWT u TDĠ qiegħed hawn. Kif rajna, ir-reviżjoni tissuġġerixxi li l-mewt u li tkun ma' Kristu huma żewġ passi separati fi proċess imtawwal, billi x-Xhieda ta' Ġeħova jemmnu fl-irqad tar-ruħ (jiġifieri, l-istat mhux konxju ta' l-ispirtu uman jistenna l-qawmien).
- Għalhekk dan it-tbabis kollu fil-Kelma ta' Alla!

39. **<u>Filippin 2:5-7</u>,**

- Il-Grieg jaqra:

  5τουτο φρονειτε εν υμιν ο και εν χριστω ιησου 6**ος εν μορφη θεου υπαρχων ουχ αρπαγμον ηγησατο το ειναι ισα θεω** 7αλ λα εαυτον εκενωσεν μορφην δουλου λαβων εν ομοιωματι α νθρωπων γενομενος και σχηματι ευρεθεις ως ανθρωπος

  "*5This be you minding in you which also in Christ Jesus, 6who **in form of God existing** not snatching he considered the **to be equal to God,** 7but himself he emptied form of slave having taken, in likeness of men having become.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

- Hawn naraw li għalkemm Ġesù kien jeżisti fil-forma ta' Alla, *ma qishiex bħala ħaġa misruqa **li jkun daqs Alla**.* U dan għaliex, għaliex hu kien tassew Alla.
- Imma issa ħalli naqraw kif fassluha t-tradutturi Maltin tat-TDĠ biex iġibu fix-xejn id-Divinità ta' Kristu. Naqraw hekk fit-TDĠ:
- "*5Żommu din **l-attitudni mentali** fikom li kienet ukoll fi Kristu Ġesù, 6li, għalkemm kien jeżisti fis-sura t'Alla, ma qagħadx jaħseb li għandu jaħtaf, **jiġifieri, li għandu jkun** ugwali m'Alla. 7**Le,** iżda xejjen lilu nnifsu u ħa s-sura ta' lsir u sar jixbah lill-bnedmin.*"

- Il-Grieg ma jgħidx dak li jgħidu t-tradutturi tat-TDĠ. Fejn igħid il-Grieg il-kliem "***jiġifieri, li għandu jkun***"? Mela t-tradutturi għan-dhom xi dritt li jdaħħlu l-interpretazzjoni tagħhom jew iżiduha mal-Kelma ta' Alla? Mela issa se nibdew ukoll indaħħlu l-kum-menti personali fil-Kelma ta' Alla? X'jiġifieri, "**jiġifieri**, li għan-du jkun …"? Għaliex "**jiġifieri**"? Ukoll il-kelma "**attitudni**" mhix fl-oriġinal! Għaliex miżjuda hemm?
- Qiegħed tara kif ibiddlu s-sens kollu u jġibuh ifisser il-kontra ta' dak li tassew Alla jrid li aħna nifhmu?
- Kristu Ġesù "***ma qishiex bħala ħaġa misruqa li jkun daqs Alla***" għaliex Hu kien tassew Alla u ma kellu x'jisraq xejn! Ara li kieku xi ħadd jippretendi li hu xi Alla fuq l-art, hekk iva, dik il-persuna tkun qed tisraq lil Alla, imma Kristu le, dan ma jistax jagħmlu għaliex Hu tassew Alla.
- Ukoll, il-kliem "Attitudni" u "mentali" mhumiex Skritturali?

40. **<u>Filippin 2:9</u>,**

- Il-Grieg jaqra:

  διο και ο θεος αυτον υπερυψωσεν και εχαρισατο αυτω το ο νομα το υπερ **παν ονομα**

  "*through which also the God him put high up over, and he graciously gave to him the name the over* ***every name***."
- It-TDĠ taqra: "*Kien ukoll għalhekk li Alla eżaltah għal pożizzjoni superjuri u b'qalb tajba tah l-isem li hu fuq kull isem* ***ieħor***," (enfasi dejjem tiegħi).
- Hawn ukoll it-tradutturi għoġobhom **iżidu** mal-Kelma ta' Alla il-kelma tagħhom, jiġifieri, il-kelma "**ieħor**." Possibbli ma rawx li dan il-vers, u l-versi l-oħra ta' fuq, huma "**differenti**" mill-oriġinal?
- Mela għaliex is-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa poġġew il-kelma "ieħor" f'dan il-vers? Għal xi ħadd li jaf id-dottrini tax-Xhieda ta' Ġeħova, it-tweġiba hija ovvja. F'moħħom, apparti mill-Iskrittura biex tappoġġja dan, huma jaħsbu li Ġesù huwa Mikiel l-arkanġlu u mhux divintà. Għalhekk, kreatura maħluqa ma tista' qatt ikollha isem fuq l-Alla etern, speċjalment meta Salm 83:18 u Salm 148:13 jiddikjaraw: "*Biex il-bnedmin jagħrfu li int, li ismek biss hu* ***Ġeħova***, *Int waħdek l-aktar Għoli fuq l-art kollha*" (NWT). "*Ħa jfaħħru l-isem ta'* ***Ġeħova***, *għax ismu waħdu għoli li ma jistax jintlaħaq*" (NWT). Konsegwentament, il-kelma *ieħor* hija mdaħħla f'Filippin 2:9, li ma turix il-verità tat-tifsira ta' dak il-vers, *tneħħi l-glorja mill-Mulej Ġesù Kristu, kif sar f'Kolossin 1:16-17* (ara li jmiss).

41. **<u>Kolossin 1:14, 16, 22</u>**,

- Il-Grieg jaqra:

  [14]εν ω εχομεν την απολυτρωσιν … [16]οτι **εν αυτω** εκτισθη … [22]… **εν τω** σωματι ...

  "***In whom*** *we are having the release* by ranson, …[16]because **in him** it was created…[22]now but he reconciled **in** the…."

- It-TDĠ taqra: "*li **permezz tiegħu** għandna l-ħelsien tagħna bil-fidwa, …[16]għax **permezz tiegħu**…[22]issa jerġa' jħabbibkom bil-ġisem fiżiku ta' dak il-wieħed **permezz** ta' mewtu…*" (Enfasi dejjem tiegħi).

**Mistoqsija**: Għaliex fl-Iskritturi msemmija fuq, jiġifieri **2 Kor. 5:21; Kol. 1:14, 16, 22; Ġwanni 1:4, u f'Kol. 2:10** (ikkwotati aktar qabel) it-tradutturi tat-TDĠ poġġew "**permezz tiegħu**" minflok "**FIH**"?

- Jiena ċert li meta wieħed jistudja x'jgħallmu tat-Torri ta' l-Għassa dwar il-Mulej tagħna, Ġesù Kristu, hu mill-ewwel jinduna għaliex dan il-bdil! Imma huma għad iridu jagħtu kont Lilu ta' dan il-qerq kollu!

42. **<u>Kolosssin 1:16, 17, 20</u>**.

- Il-Grieg jaqra:

  "[16]…οτιεν **αυτω** εκτισθη τα **παντα ...** τα **παντα** δι αυτου και **εις αυτον**

  … [17]τα **παντα** δι αυτου … τα **παντα εν αυτω**

  "[20]*...**in him**....**the all things**...he is before all things...to reconcile the **all things** into him...*"

- It-TDĠ taqra: "*[16]għax permezz tiegħu nħolqu l-affarijiet **l-oħra** kollha… L-affarijiet **l-oħra** kollha nħolqu permezz tiegħu u għalih .... [17]Ukoll, hu kien qabel l-affarijiet **l-oħra** kollha.., [20]U li permezz tiegħu jerġa' jħabbeb l-affarijiet **l-oħra** kollha miegħu....*" (Enfasi tiegħi).

**Mistoqsija**: Għaliex fit-TDĠ il-kelma "**l-oħra**" hija miżjuda għal erba' darbiet meta t-tradutturi tal-Malti **suppost** li kienu jafu li dik il-kelma mhix fl-oriġinal, u dan kellhom ikunu jafuh ukoll mit-traduzzjoni tagħhom stess ta' l-Ingliż (NWT) fejn il-kelma "**other**" *<u>hija magħluqa fil-parentesi</u>* **[other]**, li jfisser li dik il-kelma hija miżjuda u mhix fl-oriġinal. Forsi t-tradutturi Maltin huma aktar għorrief u kuraġġjużi, lesti aktar li jisfidaw lil Alla billi jżidu mal-Kelma Tiegħu?

Ara **f'vers 17b** il-kelma l-oħra tħalliet barra fil-Malti, forsi ma ndunawx biha meta kienu qegħdin jagħmlu t-traduzzjoni minn New World Translation ta' l-Ingliż għall-Malti!

Ukoll f'Atti 10:36, it-tradutturi Maltin, il-kelma "oħra" li fl-Ingliż tinsab fil-parentesi [others] fil-Malti ħallewha barra forsi ndunaw li Kristu hu tassew il-Mulej Alla ta' kulħadd li Jista' Kollox billi hemm biss Mulej wieħed!

Ara f'Rumani 8:32, fit-traduzzjoni NWT il-kelma "other" lanqas ma hija mpoġġija fil-parentesi ukoll għalkemm it-tradutturi suppost li jafu li dik il-kelma mhix fil-Grieg. It-tradutturi Maltin xejn ma jimpurtahom mill-Grieg, huma wkoll deffusha bħallikieku dik il-kelma (l-oħra) hija parti mill-Grieg!

- L-iskop ta' din iż-żieda huwa biss biex juru li Kristu hu maħluq, li Kristu hu fost il-ħwejjeġ *l-oħra* kollha li huma maħluqin.
- Imma jekk wieħed huwa tassew "sinċier" u jindenja ruħu biex jara tassew xi tfisser il-kelma Griega għal "kollha" (*pas*) dan għandu jkun jaf li Kristu ma jistax ikun imqiegħed fl-istess kategorija tal-ħwejjeġ l-oħra! Kristu mhuwiex maħluq imma etern (**Mikea 5:2**).
- Għaliex il-klema "l-oħra" mhix imdaħħla fit-tmiem ta' **vers 18,** ta' Kolossin 1?
- Għaliex il-klema "l-oħra" mhix imdaħħla **f'Atti 3:21**?
- Għaliex il-kelma "l-oħra" mhix imdaħħla wkoll fl-**1 Korintin 15:28**?
- Għaliex il-kelma "l-oħra" mhix imdaħħla wkoll **f'Lhud 2:8, 10**?
- Għaliex il-kelma "l-oħra" mhix imdaħħla wkoll **f'Filippin 4:13**, eċċ.!
- Tajjeb hawn li t-tradutturi tal-verżjoni TDĠ jaqraw **Galatin 3:15** u **Rivelazzjoni 22:18-19**!
- X'kont għad iridu jagħtu lil Alla dawk li jbabsu fil-Kelma Tiegħu b'dak il-mod!
- Imma Għaliex it-tradutturi Maltin **f'Atti 10:36** ma poġġewx il-kelma "oħra" meta fin-NWT it-tradutturi tat-Torri ta' l-Għassa żiedu l-kelma "other" imma fil-parentisi, jiġifieri, [other].

  NWT: "*He sent out the word to the sons of Israel to declare to them the good news of peace through Jesus Christ: this One is Lord of all [**others**].*"

  TDĠ: "*Hu bagħat il-kelma lil ulied Iżrael biex ixandrilhom l-aħbar tajba tal-paċi permezz ta' Ġesù Kristu: Dan hu l-Mulej ta' kulħadd.*"

- Ir-reviżjoni fin-NWT tissuġġerixxi li wkoll għalkemm Ġesù huwa onorat ħafna, Hu xorta huwa wieħed fost il-ħafna mill-kreaturi maħluqa ta' Alla.
- Imma issa liema hija t-traduzzjoni t-tajba, in-NWT, jew it-TDĠ?

43. **<u>Kolossin 1:19</u>,**
- Il-Grieg jaqra:
  οτι εν αυτω ευδοκησεν **παν το πληρωμα** κατοικησαι
  "*because in him he thought well **all <u>the</u>** fullness to dwell down*"
- In-NWT taqra: "*because [God] saw good for **all fullness** to dwell in him.*"
- It-TDĠ taqra: "*għax Alla raha ħaġa tajba li tgħammar fih **il-milja ta' kollox**,*" (Enfasi dejjem tiegħi).

**Mistoqsija:** Għaliex fin-NWT il-kelma "**the**" qabel "fullness" tħalliet barra?
- Dan hu qerq fin ħafna! Dan hu sinjifikanti, għaliex kif in-NWT tippreżenta "ALL FULLNESS" huwa ambigwu, jiġifieri, li jista' jiġi interpretat f'aktar minn mod wieħed fejn "ALL THE FULLNESS" biċ-ċar jirreferi għall-milja kollha ta' l-eżistenza ta' Alla (*qabbel Kolossin 2:9*).
- Fil-Malti, t-tradutturi Maltin ippruvaw ibenġluha kif setgħu billi ttraduċewha bħala "*il-milja ta' kollox*" u mhux "*il-milja kollha.*"
- L-artiklu definit Grieg (**το**) tradott "tiegħu, jindika li Ġesù jaqsam in-natura divina tal-Miiser ki fmuri wkoll f'Kolossin 2:9. Ir-reviżjoni tevadi l-verità billi taħbi s-similarità jew xebħ taż-żewġ passaġġi.
- U iva, min minn dawk lil jikkonvertu għax-Xhieda ta' Ġeħova se jkunu jafu dan? Wara jkun tard wisq għaliex huma ma jkunux lesti li jfittxu imma jafdaw b'għajnejhom magħluqa fil-mexxejja tagħhom, l-ikbar żball li wieħed jista' jagħmel! (Atti 17:11).
- Kif wieħed jista' jafda fihom!!

44. **<u>Kolossin 2:10</u>,**
- Il-Grieg jaqra:
  και εστε **εν αυτω** πεπληρωμενοι ...
  "*...and you are **in him** having been filled,...*"
- It-TDĠ taqra: "*Għalhekk, **permezz** tiegħu,...*" (Enfasi dejjem tiegħi).

**Mistoqsija**: Hemm xi differenza jew le? Jekk ma hemmx, għalfejn dan il-bdil kollu f'dawn l-Iskritturi kollha mill-Kelma ta' Alla?

- Jew għandna "**FIH**" jew "**permezz** tiegħu." Liema waħda hija t-tajba għalina biex nemmnuha?
- Allura dan mhuwiex tbabis mal-Kelma ta' Alla?
- Allura dan mhuwiex evanġelju ieħor li jġib is-saħta fuq dawk kollha li jaċċettawh, u aktar u aktar, fuq dawk kollha li jgħallmuh (Galatin 1:6-9)?

45. **1 Timotju 4:1**,

- Il-Grieg jaqra:
  το δε **πνευμα ρητως λεγει** οτι εν υστεροις ... προσεχοντες **πνευμασιν** π λανοις και διδασκαλιαις δαιμονιων
  *"The but* ***spirit*** *spokenly is saying that in later...having toward* ***spirits*** *errants and to teachings of demons."*
- It-TDĠ taqra: "*Madankollu,* ***il-kliem imnebbaħ*** *jgħid fiż-żgur li f'xi żminijiet...għax jagħtu kas* ***kliem imnebbaħ*** *li jqarraq u tagħlim tad-demonji.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija**: Huwa l-**Ispirtu s-Santu** li qiegħed jitkellem jew mhuwiex? U għalhekk il-bidla fil-kliem minn "spirtu" għall-"kliem imnebbaħ" għaliex huma ma jemmnux li l-Ispirtu s-Santu huwa Persuna.

- Għal darb'oħra, it-tradutturi Maltin ma kinux jafu jittraduċu l-kelma "**spirit**" mill-Ingliż għall-Malti?
- Ma kinux jafu li "spirit" hija "spirtu" u li "kliem imnebbaħ" huwa "inspired words"?
- X'qerq dan! U x'kont għandu jingħata lil Alla minn dawk responsabbli għal dan il-qerq!

Imma ħalli nħallu lilhom infushom juruna kemm tassew l-Ispirtu s-Santu hu Persuna:

- **Atti 8:29** – "*Għalhekk,* ***l-ispirtu qal*** *lil Filippu: "Eresaq u ngħaqad ma' dan il-karru.*" (TDĠ.)
- **Atti 10:19-20** – "[19]*Hekk kif Pietru kien għadu jitħasseb dwar il-viżjoni,* ***l-ispirtu qallu****: "Ara! Tlett irġiel qed ifittxuk.* [20]*Għaldaqstant qum, inżel isfel, u mur magħhom, u tiddubita xejn, għax* ***jien bgħatthom****.*" (TDĠ.)
- **Atti 13:2, 4** – "[2]*...****l-ispirtu qaddis qal****: "Minn dawn kollha* ***warrbuli*** *lil Barnaba u lil Sawlu għax-xogħol* ***li sejjaħtilhom*** *għalih....* [4]*Għaldaqstant,* ***mibgħutin mill-ispirtu qaddis****.*" (TDĠ.)

- Innutajt int li l-kliem "spirtu qaddis" u "spirtu" mhumiex b'ittri kapitali. Għaliex? X'rispett għandhom dawn lejn l-Ispirtu Qaddis ta' Alla!!
- U jekk l-Ispirtu hu "Qaddis" ma jfissirx li hu Alla (Ara Rivelazzjoni 4:8; 15:4)
- Min jista' **jgħid, jibgħat, isejjaħ**, eċċ. jekk mhux Persuna!
- Ara wkoll Ġwanni 16:13-15 fejn il-pronom "hu" (**he**) fin-NWT (bl-Ingliż) jinstab tmien (8) darbiet. U lil min tindirizza bħala "HU" (HE)? Mhux lil Persuna!
- Aqra dawn il-versi u ara min jista' "jiggwida," "jitkellem," "ixandar," "jigglorifika," "jirċievi." Mhux **Persuna** biss tista' tagħmel dan kollu!

**Wara li tkun qrajt dawn il-versi (u hemm ħafna oħrajn bħalhom) sejjer int tibqa' temmen li tat-Torri ta' l-Għassa mhumiex qegħdin jingannaw lin-nies?**

46. <u>**Titu 2:13,**</u>

- Il-Grieg jaqra,

  προσδεχομενοι την μακαριαν ελπιδα και επιφανειαν της δο ξης του μεγαλου **θεου και σωτηρος** ημων **χριστου ιησου**
  "*Awaiting the blessed hope and appearing of the glory of the great God **and Savior** of us **Christ Jesus**.*"

- It-TDĠ taqra, "*Dan nagħmluh waqt li nistennew it-tama hienja u l-manifestazzjoni glorjuża tal-kbir Alla **u** ta' Kristu Ġesù, is-Salvatur tagħna.*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija:** Dan il-vers, li fil-Grieg qiegħed juri lil Kristu Ġesù bħala **Alla u s-Salvatur** ġie mbabas ukoll billi l-kliem "is-Salvatur tagħna" ġie mqiegħed **wara** Kristu Ġesù u mhux qabel.

- Imma jekk wieħed għandu xi dubju dwar it-tifsira tiegħu, aħna nsibu l-istess kostruzzjoni Griega fit-2 Pietru 1:11; 2:20 u 3:2, 18. U din insibuha wkoll fit-traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida tax-Xhieda ta' Ġeħova.
- Il-Grieg *KAI* ("and") "u" jgħaqqad iż-żewġ nomi. Dan ifisser li l-oppost, Kristu Ġesù, għandu jkun jirreferi għat-tnejn "Alla" u "Salvatur."
- Ħalli naraw xi eżempji mit-TDĠ stess:

  <u>**2 Pietru 1:11**</u> – "*Fil-fatt, b'hekk tingħataw daħla glorjuża fis-saltna ta' dejjem tal-Mulej **u** s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.*"

- Il-Mulej u s-Salvatur **huma** Ġesù Kristu. (Din l-istess kostruzzzjoni nsibuha fit-2 Pietru 2:20 u 3:2, 18.
- Hekk ukoll **f'Titu 2:13**, Alla u s-Salvatur **huma** Kristu Ġesù.
- Issa ħalli naraw xi jgħidu diversi verżjonijiet tat-Testment il-Ġdid dwar dan il-vers:

**Titus 2:13:**

**NASB:** "looking for the blessed hope and the appearing of the glory of our great God and Savior, Christ Jesus,"

**GWT:** "At the same time we can expect what we hope for-the appearance of the glory of our great God and Savior, Jesus Christ."

**KJV:** "Looking for that blessed hope, and the glorious appearing of the great God and our Saviour Jesus Christ;"

**ASV:** "looking for the blessed hope and appearing of the glory of the great God and our Saviour Jesus Christ;"

**BBE:** "Looking for the glad hope, the revelation of the glory of our great God and Saviour Jesus Christ;"

**DBY:** "awaiting the blessed hope and appearing of the glory of our great God and Saviour Jesus Christ;"

**WEY:** "in expectation of the fulfilment of our blessed hope--the Appearing in glory of our great God and Saviour Jesus Christ;"

**WBS:** "Looking for that blessed hope, and the glorious appearing of the great God, and our Savior Jesus Christ;"

**WEB:** "looking for the blessed hope and appearing of the glory of our great God and Savior, Jesus Christ;"
**YLT:** "waiting for the blessed hope and manifestation of the glory of our great God and Saviour Jesus Christ,"

- Imma issa ara kif it-tradutturi tax-Xhieda ta' Ġeħova biddlu l-kost-ruzzjoni kollha ta' dan il-vers. In-*New World Translation* taqra hekk:

**NWT:** "*While we wait for the happy hope and glorious manifes-tation of the great God and of the Savior of us, Christ Jesus.*"

- Le, skond it-tradutturi tax-Xhieda ta' Ġeħova, mhux "*of our great God and Saviour Jesus Christ*" kif jinsab "fil-Grieg famuż ta' Westcott u Hort," imma, "of the great God and **of the** Savior of us, Christ Jesus."

- Qiegħed tara fejn hu l-qerq? Possibbli, il-verżjonijiet ta' fuq kollha, u oħrajn magħhom, huma żbaljati u n-NWT biss hija korretta!!
- Tassew li l-fedeltà hija miżmuma mat-traduzzjoni Ingliża, NWT, u mhux mat-test Grieg famuż ta' Westcott u Hort, kif jintqal fid-DAĦLA!!

47. **<u>Lhud 1:6,</u>**

- Il-Grieg jaqra:

  οταν δε παλιν εισαγαγη τον πρωτοτοκον εις την οικουμενην λεγει και **προσκυνησατωσαν** αυτω παντες αγγελοι θεου
  "Whenever but again he should lead in the Firstborn (one) into the being inhabited [earth], he is saying And let do (worship) obesiance toward him all angels of God."

- In-NWT taqra,

  "*But when he again brings his First-born into the inhabited earth, he says: "And let all God's angels **worship** him.*" (New World Translation, edizzjonijiet 1953, 1960, 1961, u 1970).

  "*But when he again bring his First-born into the inhabited earth, he says: "And let all God's angels do **obeisance** to him."*" (New World Translation, edizzjoni 1971 u aktar ġdida).

  Ħa liċ-ċensura tan-New World Translation żmien mhux ħażin biex jinnutaw l-iżball li huma kienu għamlu fl-edizzjonijiet tagħhom ta' qabel. Qima (worship) hija xi ħaġa li tappartjeni lil Alla biss.

- Il-Grieg jaqra,

  8καγω ιωαννης ο ακουων και βλεπων ταυτα και οτε ηκουσα και εβλεψα επεσα προσκυνησαι εμπροσθεν των ποδων του αγγελου του δεικνυοντος μοι ταυτα
  9και λεγει μοι ορα μη συνδουλος σου ειμι και των αδελφων σου των προφητων και των τηρουντων τους λογους του βιβλ ιου τουτου τω θεω **προσκυνησον**

- In-NWT taqra f'Rivelazzjoni 22:8-9,

  "*8Well, I John was the one hearing and seeing these things. And when I had heard and seen, I fell down to **worship** before the feet of the angel that had been showing me these things. 9But he tells me: "Be careful! Do no do that! All I am is a fellow slave of you and of your brothers who are prophets and of those who are observing the words of this scroll. **Worship** God.*"

- It-TDĠ taqra,

  "[8]*Kont jien, Ġwanni, li smajt u rajt dawn l-affarijiet. U wara li smajt u rajt, inxtħett inqim f'riġlejn l-anġlu li wrieni dawn l-affarijiet. [9]Imma qalli: "Oqgħod attent! Tagħmilx hekk! Jien sempliċiment ilsir bħalek u bħal ħutek li huma profeti u bħal dawk li qed josservaw il-kliem ta' dan ir-romblu.* ***Qim*** *lil Alla.*"

  L-istess kelma Griega *proskuneo* (προσκυνησον) hija murija fi tipi skuri fil-kwotazzjonijiet ta' fuq. Billi x-Xhieda ta' Ġeħova ma jemmnux li Ġesù hu Alla, huma ma kinux se jippermettu li xi vers jeżisti li kien juri li Ġesù kien mogħti qima (*proskuneo* [προσκυνησον]) bħala Alla. Għalhekk, huma inkonsistentament ittraduċew il-kelma *proskuneo*.

  Aħseb ftit x'kont għad iridu jagħtu lil Alla dawk kollha li jbabsu mal-Kelma Tiegħu!
- It-tradutturi Maltin hawn l-anqas kienu kuntenti li jittraduċu l-vers kif inhu fil-verżjoni *New World Translation* bl-Ingliż li tinsab parallel tal-Grieg li jużaw huma. Imma kienu kuntenti li jagħmlu l-ingann huma wkoll.
- Dan igħid hekk: "*But when he again brings his First-born into the inhabited earth, he say: "And let all God's angels* ***WORSHIP him***" (Enfasi tiegħi).
- Aħna nafu, kif għadnan kif rajna, li l-qima (Grieg *proskuneo*) lil Alla biss għandha tingħata. U dan il-vers juri ċar li Kristu hu tassew Alla li Jista' Kollox għaliex l-anġli kollha huma ordnati biex jagħtuh **qima**.
- Imma ara t-tradutturi Maltin kif ittraduċew dan il-vers: "*Imma meta jerġa' jġib lill-Ewwel Imwieled tiegħu fuq l-art abitata, jgħid: "U ħa* ***jmilu quddiemu*** *l-anġli kollha t'Alla.*"
- Biex jippruvaw iqarrqu bil-qarrejja tagħhom, fl-Ingliż issa huma qegħdin jużw il-kelma "obeisance" u tant u hekk li fil-Grieg li jużaw huma, milli jidher bi żball, il-kelma "worship" poġġewha taħt in-NWT, u l-kelma "obeisance" poġġewha taħt il-Grieg.
- Kull fejn hemm il-kelma qima u li din tapplika għal Ġesù Kristu, huma poġġew kliem differenti barra mill-kelma t-tajba, jiġifieri, qima. Il-kelma "obeisance" lanqas ma hija kelma Skritturali X'rispett għandhom lejn il-Mulej!
- Ħalli naraw xi ftit minn dawn.

**<u>Mattew 2:2</u>**,

TDĠ taqra: "*u qalu: "fejn s-sultan tal-Lhud li twieled? Għax rajna l-kewkba tiegħu meta konna fil-lvant, u ġejna* ***nuruh rispett****.*"

L-istess kliem, jiġifieri, "*nuru rispett*" jinsab f'Mattew 2:8. Il-kliem "miel quddiemu" nsibuh f'Mattew 8:2, 8; 9:18; 14:33; 15:25; 20: 20; 28:9, 17; Mark 5:6; 15:19; Luqa 24:52; Ġwanni 9:38; Lhud 1:6.

Din it-Traduzzjoni tad-Dinja Ġdida turi biċ-ċar li kull fejn il-kelma qima "*proskuneo*" hija f'riferenza għal Ġesù, it-tradutturi Maltin assolutament ma tħallewx jittraduċuha bħala "qima" kif suppost għandha tkun skond il-Grieg. Jiena ma nistax nifhem kif dawk li għamlu dik it-traduzzjoni meta jorqdu matul il-lejl, u meta jafu li lil dak li għad irid jiġġudikahom ġabuh fix-xejn u mhux hekk biss, ġabu l-Kliem li għad irid jiġġudikahom fix-xejn (Ġwanni 12:48), jorqdu fil-paċi!

Imma ara fejn L-ISTESS kelma "qima" ("*proskuneo*") hija wżata f'postijiet oħra, imma mbasta mhux għal Kristu, din tħalliet skond l-oriġinal: (Ara Mattew 4:9, 10; Luqa 4:7, 8; Ġwanni 4:20-24; 12:20; Atti 7:43; 8:27; 24:11; 1 Korintin 14:25; Lhud 11:21; Rivelazzjoni 4:10; 5:14; 7:1; 9:20; 1:1, 16; 13:4, 8, 12, 15, 14:7, 9, 11; 15:4; 16:2; 19:4, 10, 20; 20:4; 22:8, 9). X'imħabba għandhom tat-Torri ta' l-Għassa lejn Kristu!

Meta wieħed jara dan kollu, u jara li l-Iskritturi KOLLHA li japplikaw għall-Mulej tagħna, Ġesù Kristu, it-tradutturi tat-Torri ta' l-Għassa, ħassew li l-Mulej tagħna ma jixraqlux li l-istess kelma, qima ("*proskuneo*") tkun applikata Għalih, ukoll għalkemm fil-Grieg oriġinali din insibuha f'kull Skrittura msemmija applikata Għalih, kif jista' xi ħadd jafda fihom!

Imma t-tradutturi tat-Torri ta' l-Għassa, dawk barranin u dawk Maltin, ħassew li huma għandhom aktar awtorità mill-kittieba ispirati tal-Bibbja Mqaddsa u qabdu u biddlu l-kelma kif riedu huma, l-istess kif għamlu dwar suġġetti oħra!

48. **Lhud 1:8,**

- Il-Grieg jaqra,

  προς δε τον **υιον ο θρονος σου ο θεος** εις τον αιωνα ...

  "*toward but the Son* ***The throne of you the God*** *into the age...*"

- It-TDĠ taqra, "*Imma dwar l-Iben: "****Alla hu t-tron tiegħek*** *għal dej-jem ta' dejjem...*"

**Mistoqsija**: Għaliex id-differenza? Liema verżjoni hija l-korretta, il-Grieg jew il-Malti?

- Imma ħaġa ta' l-iskantament hija, li kull fejn hija murija d-Divinità ta' Sidna Ġesù Kristu, dak il-vers jew versi ġew imbabsa!
- Imma ħalli, għal darb'oħra, naraw dwar dan il-vers ukoll xi jgħidu diversi verżjonijiet oħra.

**Hebrews 1:8**:

**NASB:** "But of the Son He says, "YOUR THRONE, O GOD, IS FOREVER AND EVER, AND THE RIGHTEOUS SCEPTER IS THE SCEPTER OF HIS KINGDOM." (NASB ©1995)

**GWT:** "But God said about his Son, "Your throne, O God, is forever and ever. The scepter in your kingdom is a scepter for justice." (GOD'S WORD®)

**KJV:** "But unto the Son he saith, Thy throne, O God, is for ever and ever: a sceptre of righteousness is the sceptre of thy kingdom."

**ASV:** "but of the Son he saith, Thy throne, O God, is for ever and ever; And the sceptre of uprightness is the sceptre of thy kingdom."

**BBE:** "But of the Son he says, Your seat of power, O God, is for ever and ever; and the rod of your kingdom is a rod of righteousness."

**DBY:** "but as to the Son, Thy throne, O God, is to the age of the age, and a sceptre of uprightness is the sceptre of thy kingdom."

**WEY:** "But of His Son, He says, "Thy throne, O God, is for ever and for ever, and the sceptre of Thy Kingdom is a sceptre of absolute justice."

**WBS:** "But to the Son, he saith, Thy throne, O God, is for ever and ever: a scepter of righteousness is the scepter of thy kingdom."

**WEB:** "But of the Son he says, "Your throne, O God, is forever and ever. The scepter of uprightness is the scepter of your Kingdom."

**YLT:** "and unto the Son: 'Thy throne, O God, is to the age of the age; a sceptre of righteousness is the sceptre of thy reign;"

Wieħed irid ikun tassew agħma biex ma jarax il-qerq li jaqra fit-Traduzzjoni tad-dinja l-Ġdida! Kristu huwa ndirizzat bħala "Alla."

49. **Lhud 9:27**

- Il-Grieg jaqra,
  και καθ οσον αποκειται τοις ανθρωποις **απαξ αποθανειν** με τα δε τουτο κρισις

"*And according to how much it is lying off to the men* ***once to die****, after but this judgment,*"

- In-NWT taqra: "*And as it is reserved for men* ***to die once for all time*** *but after this a judgement,*"
- It-TDĠ taqra: "*U bħalma hu merfugħ li l-bnedmin imutu* ***darba biss****, imma wara dan isir il-ġudizzju*" (enfasi dejjem tiegħi).

**Mistoqsija:** Min ta l-awtorità lit-tradutturi tan-NWT biex iżidu l-kliem "**for all time**"?

- X'kienet ir-raġuni li t-tradutturi Maltin ma ttraduċewx dan il-kliem ukoll, jiġifieri, "**għaż-żmien kollu**," imma ħallewh barra?
- Liema verżjoni hija t-tajba għax-Xhieda ta' Ġeħova, ta' l-Ingliż (NWT) jew tal-Malti (TDĠ)?
- Ara ma jkunx hemm xi ħadd li jipprova jgħid li ma hemm l-ebda differenza fihom!

50. **<u>Lhud 12:9</u>,**

- Il-Grieg jaqra:

  ...... ου πολυ μαλλον υποταγησομεθα τω πατρι των **πνευματ ων** και ζησομεν

  "…not much rather shall we be subjected to the Father of the **spirits** and shall we live?"
- In-NWT taqra: "*...Shall we not much more subject oursleves to the Father of* ***our spiritual life*** *and live?*"
- It-TDĠ taqra: "*… M'għandniex għalhekk iktar u iktar nissottomettu ruħna lejn il-Missier tal-****ħajja spiritwali tagħna*** *u ngħixu?*" (Enfasi dejjem tiegħi.)

**Mistoqsija:** Jistgħu t-tradutturi tax-Xhieda ta' Ġeħova jgħidulna min tahom l-awtorità biex ibiddlu l-kliem "**Il-Missier ta' l-ispirti**" u jagħmluh "**il-Missier tal-ħajja spiritwali tagħna**"?

- L-istess kif għamlu fl-ewwel Korintin 14, hawn huma jippruvaw biex joskuraw ir-realtà distinta ta' l-ispirti tal-bnedmin billi jbiddluhom b'nom aktar astratt.
- L-istess tbabis jinsab f'vers 23, "*…lejn il-ħajjiet spiritwali tal-ġusti…*" minflok "*…lejn l-ispirti tal-ġusti…*"
- Fejn hu r-rispett lejn l-intelliġenza, għallinqas tal-membri tagħhom?

51. **<u>1 Pietru 1:11</u>,**

- Il-Grieg jaqra:

